Nru./No. 19,224
Prezz/Price
€3.24

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 21 ta' Marzu, 2014
Friday, 21st March, 2014

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 2449
Proclamation by the President of Malta *2449*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2450 - 2460
Government Notices ..... *2450 - 2460*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2460 - 2461
Police Notices ..... *2460 - 2461*

Avviżi lill-Baħħara ..... 2462 - 2463
Notices to Mariners ..... *2462 - 2463*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 2464 - 2470
Employment Opportunities ..... *2464 - 2470*

Avviżi tal-Gvern ..... 2470 - 2474
Notices ..... *2470 - 2474*

Offerti ..... 2475 - 2506
Tenders ..... *2475 - 2506*

Avviżi tal-Qorti ..... 2507 - 2516
Court Notices ..... *2507 - 2516*

Anno Domini 2014 Nru. III

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) Dolores Cristina
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fl-20 ta' Marzu, 2014, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, DOLORES CRISTINA, qiegħda hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 20 ta' Marzu, 2014.

B'Awtorità,

(Iff.) Joseph Muscat
Prim Ministru

Anno Domini 2014 No. III

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd.) Dolores Cristina
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 20th day of March, 2014, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, DOLORES CRISTINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 20th day of March, 2014.

By Authority,

(Sd.) Joseph Muscat
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 300

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Louis Grech, B.A., M.A. (Oxon.), M.P., Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ħamis, l-20 ta' Marzu, 2014, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat, K.U.O.M, B.Com., B.A. (Hons.), M.A.(European Studies), Ph.D. (Bristol), M.P.

Il-21 ta' Marzu, 2014
(OPM/81/2013/VI)

Nru. 301

NOMINA TA' AĠENT PRIM IMĦALLEF

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 98 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, innomina lill-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo biex jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga ta' Aġent Prim Imħallef bejn is-16 u it-18 ta' Marzu, 2014, matul l-assenza tas-Sinjurija Tiegħu l-Onorevoli Prim Imħallef Silvio Camilleri.

Is-17 ta' Marzu, 2014
(MJ/207/89/VII)

Nru. 302

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza r-rikonoxximent tal-għotja ta' dawn l-unuri mill-Ordni Ospitallier Militari Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, ta' Rodi u ta' Malta:-

Croce 'pro piis meritis' dell'Ordine al Merito Melitense

Rev. Joseph Cilia, Arċipriet tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Lawrenz, Il-Birgu

Rev. Mons Saviour DeBrincat, Kanonku Onorarju tal-Knisja Kolleġġjata ta' San Lawrenz, Il-Birgu

Il-21 ta' Marzu, 2014
(OPM/COF/575/1962/XI)

GOVERNMENT NOTICES

No. 300

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Louis Grech, B.A., M.A. (Oxon.), M.P., Deputy Prime Minister and Minister for European Affairs and Implementation of the Electoral Manifesto, assumes the additional duties of the Prime Minister, on Thursday, 20th March, 2014, during the absence from Malta of the Hon. Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com., B.A. (Hons.), M.A. (European Studies), Ph.D. (Bristol), M.P.

21st March, 2014

No. 301

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF JUSTICE

IT is notified for general information that, in virtue of the powers conferred by article 98 of the Constitution of Malta, the President of Malta, on the advice of the Prime Minister, designated the Hon. Mr Justice Giannino Caruana Demajo to perform the functions of Acting Chief Justice between 16th and 18th March, 2014, during the absence of His Honour the Chief Justice Silvio Camilleri.

17th March 2014

No. 302

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT (CAP. 251)

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the following honours by the Sovereign Military Hospitaller Order of St John of Jerusalem, of Rhodes and of Malta:-

Croce 'pro piis meritis' dell'Ordine al Merito Melitense

Rev. Fr Joseph Cilia, Archpriest of the Collegiate Church of St Lawrence, Birgu

Rev. Mgr Saviour DeBrincat, Hon. Canon of the Collegiate Church of St Lawrence, Birgu

21st March, 2014

Nru. 303

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 29 (1) tal-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza r-rikonoxximent tal-għotja ta' dawn l-unuri mill-Ordni Ospitallier Militari Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, ta' Rodi u ta' Malta:-

Kappillan Konventwali ad honorem

Rev. Mons. Paul Carmel Vella, Kappillan Maġistrali

Donat ta' Devozzjoni

Dott. David Cassar
Is-Sa Karen Rachel Miller née Gaffiero

Salib bil-Kuruna pro merito melitensi

Is-Sa Marie Attard Montalto née Sant Fournier
Is-Sa Marguerite Mary De Giorgio née Micallef
Is-Sa Charlotte de Trafford
Is-Sa Maria Farrugia
Is-Sa Mari Roz Fenech
Is-Sa Mary Griffiths
Is-Sa Margaret Parnis England née Cassar Torreggiani
Is-Sa Mary Sammut
Is-Sa Georgia Tabone

Il-21 ta' Marzu, 2014
(OPM/COF/575/1962/XI)

No. 303

ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA ACT (CAP. 251)

IT is hereby notified that in accordance with Article 29 (1) of Ġieħ ir-Repubblika Act, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the recognition of the conferment of the following honours by the Sovereign Military Hospitaller Order of St John of Jerusalem, of Rhodes and of Malta:-

Conventual Chaplain ad honorem

Rev. Mgr Paul Carmel Vella, Magistral Chaplain

Donat of Devotion

Dr David Cassar
Mrs Karen Rachel Miller née Gaffiero

Cross with Crown pro merito melitensi

Mrs Marie Attard Montalto née Sant Fournier
Mrs Marguerite Mary De Giorgio née Micallef
Mrs Charlotte de Trafford
Mrs Maria Farrugia
Mrs Mari Roz Fenech
Mrs Mary Griffiths
Mrs Margaret Parnis England née Cassar Torreggiani
Mrs Mary Sammut
Mrs Georgia Tabone

21st March, 2014

Nru. 304

ĦATRA TA' DIRETTURI ĠENERALI U DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-Artikoli 92(4) u 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil dawn l-uffiċjali pubbliċi kif jidher hawn taħt:-

No. 304

APPOINTMENT OF DIRECTORS GENERAL AND DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by Articles 92(4) and 110 of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, appointed the under-mentioned public officers as shown hereunder:-

		Data Effettiva *Effective Date*
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU *OFFICE OF THE PRIME MINISTER*		
Mr Kenneth Farrugia B Accty (Hons), MIA, CPA	Direttur Ġenerali (Awditjar Intern u Investigazzjonijiet) *Director General (Internal Audit and Investigations)*	12.11.2013
Mr Joseph Fenech	Direttur (Operat) *Director (Operations)*	12.11.2013

Mr Vincent Borg MBA, BA, Dip Rel St, PGCE	Direttur (Servizzi Korporattivi), Uffiċċju Elettorali *Director (Corporate Services), Electoral Office*	12.11.2013
Mr Raymond R Camilleri Dip Mgt Stud	Direttur Ġenerali (Proprjetà tal-Gvern) *Director General (Government Property)*	01.12.2013
Ms Simone Mousù DPA (Melit)	Direttur (Finanzi u Aministrazzjoni), Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern *Director (Finance and Administration),* *Government Property Department*	01.12.2013
Mr Joseph E Deguara	Direttur (Servizzi Korporattivi), Kamra tar-Rappreżentanti *Director (Corporate Services), House of Representatives*	16.12.2013
Mr Frankie Mercieca Dip Laws of Proc (Melit)	Direttur Ġenerali (Qrati) *Director General (Courts)*	23.12.2013
Mr Natalino Attard BA, LP, Mag Jur (Eur Law), MBA (Henley)	Direttur Ġenerali (Strateġija u Sapport - Ġustizzja) *Director General (Strategy and Support - Justice)*	23.12.2013
Ms Christine Schembri	Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizzi Pubbliku *Executive Secretary, Public Service Commission*	01.03.2014
Mr Charles Polidano BA (Hons), MPA	Direttur Ġenerali (Riċerka), CDRT *Director General (Research), CDRT*	01.03.2014
Mr Duncan Mifsud BE&A (Hons), M Sc (Melit), A&CE	Direttur (Uffiċċju Konjunt), Dipartiment tal-Proprjetà tal-Gvern *Director (Joint Office), Government Property Department*	01.06.2014

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN
MINISTRY FOR FOREIGN AFFAIRS

Ms Angele Azzopardi BA (Hons) Bus Mgmt	Direttur (Servizzi Korporattivi) *Director (Corporate Services)*	01.12.2013

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU
MINISTRY FOR TOURISM

Ms Moira Pisani BSc Econ (Lond), MA (Baroque Studies)	Direttur (Żvilupp ta' Politika u Implimentazzjoni ta' Programmi) *Director (Policy Development and Programme Implementation)*	23.12.2013
Ms Nancy Caruana	Direttur (Turiżmu) *Director (Tourism)*	23.12.2013
Ms Catherine Tabone BA (Hons), MPhil (Cantab)	Direttur (Kultura) *Director (Culture)*	23.12.2013

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
MINISTRY OF EDUCATION AND EMPLOYMENT

Mr Emanuel Zammit BA (Educ), Dip ICT in Educ, Dip OET(London), MA ICT & Educ (Leeds)	Direttur (*E-Learning*), DKSE *Director (E-Learning), DQSE*	22.10.2013

Mr Joseph Schembri RGN, Dip ADT, PQDip, MSc HSM	Direttur (Implimentazzjoni ta' Programmi) *Director (Programme Implementation)*	16.12.2013
Mr George Borg BA Educ, Dip (Educ) (SEN), M Ed (SEN) (Aberdeen)	Direttur Ġenerali (Servizzi Edukattivi) *Director General (Educational Services)*	16.12.2013
Dr Mario Cardona B Ed.(Hons), MEd, Dott Sc Ed (Rome)	Direttur (*Early School Leavers*) *Director (Early School Leavers)*	23.12.2013

MINISTERU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U TIBDIL FIL-KLIMA
MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Mr Dennis Buttigieg BA (Hons), MSc, Dip Mgmt Studies	Direttur (Servizzi Korporattivi) *Director (Corporate Services)*	22.10.2013
Mr Noel Azzopardi BSc (Gen), MSc (Agric Sci)	Direttur (Diversifikazzjoni u Kompetittività) *Director (Diversification and Competitiveness)*	22.10.2013
Mr Randall Caruana BSc (Hons), MSc	Direttur (Sajd), Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura *Director (Fisheries), Fisheries and Aquaculture Department*	22.10.2013
Mr Sharlo Camilleri B.Sc (Hons) Geography, Dip Agric	Kap, Aġenzija tal-Pagamenti *Head, Paying Agency*	12.11.2013
Ms Sonya Sammut BSc, MSc (Agric Sc)	Direttur (Ambjent u Tibdil fil-Klima) *Director (Environment and Climate Change)*	16.12.2013
Ms Kathiana Ghio BA (Hons), MSc	Direttur (Żvilupp ta' Politika u Implimentazzjoni ta' Programmi) *Director (Policy Development and Programme Implementation)*	16.12.2013
Dr Andreina Fenech Farrugia BSc, MSc, PhD	Direttur Ġenerali (Sajd u Akwakultura) *Director General (Fisheries and Aquaculture)*	23.12.2013

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U INFRASTRUTTURA
MINISTRY FOR TRANSPORT AND INFRASTRUCTURE

Ms Lucienne Meilak BA (Hons) Pub Admin, Dip Adv Euro Std(Bruges)	Direttur (Żvilupp ta' Politika) *Director (Policy Development)*	01.04.2013
Mr Ramon Deguara	Direttur (Tindif), Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura *Director (Cleansing), Works and Infrastructure Department*	12.11.2013
Mr Emanuel Bezzina	Direttur (Manifattura u Servizzi), Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura *Director (Manufacturing and Services), Works and Infrastructure Department*	01.12.2013
Mr Dione Gravino Dip Pub Admin	Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni) *Director (Finance and Administration)*	24.02.2014
Mr David Bonello D P A and MSc (Training & HRM)	Direttur (*People Management*) *Director (People Management)*	24.02.2014

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX
MINISTRY FOR GOZO

Mr Mario Saliba	Direttur (Implimentazzjoni ta' Programmi), Diviżjoni ta' Strateġija u Sapport *Director (Programme Implementation), Strategy and Support Division*	16.12.2013
Ms Esther Bajada BComm, MA	Direttur (Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku), Diviżjoni ta' Strateġija u Sapport *Director (Tourism and Economic Development), Strategy and Support Division*	16.12.2013
Ms Joyce Farrugia DPA., M Sc (Leicester)	Direttur (*Customer Services*) Diviżjoni tal-Operat *Director (Customer Services), Operations Division*	16.12.2013

MINISTERU GĦAD-DJALOGU SOĊJALI, AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIBERTAJIET ĊIVILI
MINISTRY FOR SOCIAL DIALOGUE, CONSUMER AFFAIRS AND CIVIL LIBERTIES

Ms Davida Flores MA (Melit)	Direttur (Strategy Support) *Director (Strategy Support)*	22.10.2013
Mr Brian Farrugia BA (Hons) Int Rel, MA (Euro Studies)	Direttur (Żvilupp ta' Politika u Implimentazzjoni ta' Programmi) *Director (Policy Development and Programme Implementation)*	16.12.2013

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, INVESTIMENT U INTRAPRIŻI ŻGĦAR
MINISTRY FOR THE ECONOMY, INVESTMENT AND SMALL BUSINESS

Mr Jeffrey Bugeja B Com (Hons) Banking & Finance	Direttur (Politika u Skemi dwar Intrapriżi) *Director (Enterprise Policy and Schemes)*	22.10.2013

MINISTERU GĦALL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI
MINISTRY FOR THE FAMILY AND SOCIAL SOLIDARITY

Mr Grazio Barbara	Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) *Director General (Social Security)*	22.10.2013
Dr Marisa Scerri Dip App Soc Studies (Social Work), Dip Ger, M Ger (Keele)	Direttur Ġenerali (Politika Soċjali) *Director General (Social Policy)*	16.12.2013
Mr Raymond Dimech MSc (Leicester), PGCSW Mgt, AccTSW Educ, Dip ASS (SW), A (Mus)LCM	Direttur (Kura għall-Anzjani) *Director (Elderly Care)*	24.02.2014

MINISTERU GĦALL-INTERN U S-SIGURTÀ NAZZJONALI
MINISTRY FOR HOME AFFAIRS AND NATIONAL SECURITY

Mr Joseph St John BA (Hons)	Direttur Ġenerali (Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Politika) *Director General (Development and Policy Implementation)*	12.11.2013
Mr Robert Grixti BA (Hons), MA (International Relations)	Direttur (Servizzi Korporattivi), Diviżjoni ta' Strateġija u Sapport *Director (Corporate Services), Strategy and Support Division*	12.11.2013

Mr Joseph A Caruana BA (Hons) Econ	Direttur (Finanzi u Riżorsi Umani – Dipartiment tal-Pulizija) *Director (Finance and HR – Police Department)*	16.12.2013
Dr Audrey Vassallo LL.D.	Direttur (Reġistru tal-Artijiet), Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet *Director (Land Registry), Land and Public Registry*	16.12.2013

MINISTERU GĦALL-FINANZI
MINISTRY FOR FINANCE

Ms Lorraine Mangion Duca B Comm (Hons)	Direttur (Żvilupp ta' Politika u Implimentazzjoni ta' Programmi), Dipartiment tal-Kuntratti *Director (Policy Development and Programme Implementation), Department of Contracts*	22.10.2013
Mr Anthony J Cachia	Direttur Ġenerali (Kuntratti) *Director General (Contracts)*	06.11.2013
Mr Joseph P Smith	Direttur (Amministrazzjoni u Infurzar), Dipartiment tat-Taxxi Interni *Director (Administration and Enforcement), Inland Revenue Department*	12.11.2013
Mr Peter Grima	Direttur (Uffiċċju tal-Baġit), Diviżjoni tal-Affarijiet dwar il-Baġit *Director (Budget Office), Budget Affairs Division*	12.11.2013
Mr Martin Spiteri Ieng, MIIE, MBA (Leic)	Direttur (Żvilupp ta' Politika u Implimentazzjoni ta' Programmi) *Director (Policy Development and Programme Implementation)*	01.12. 2013
Mr Iman Schembri B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.A. (Financial Services)	Direttur Ġenerali (Politika dwar l-Ekonomija) *Director General (Economic Policy)*	23.12.2013
Mr Ivan Portelli Dip; B.A(Hons); MBA(Exec)	Direttur (Operat), Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud *Director (Operations), VAT Department*	23.12.2013
Ms Audrey-Anne Callus Randich BA (Hons), MBA (Executive)	Direttur (Żvilupp u Analiżi ta' Politika Finanzjarja), Diviżjoni tal-Politika u Immaniġġjar ta' Finanzi *Director (Financial Policy Development and Analysis), Financial Policy and Management Division*	23.12.2013
Mr Victor Bugeja	Direttur (Strateġija), Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxa *Director (Strategy), Office of the Commissioner for Revenue*	23.12.2013

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U L-KONSERVAZZJONI TAL-ILMA
MINISTRY FOR ENERGY AND THE CONSERVATION OF WATER

Mr Ronald Mizzi BA (Hons)(Int Relations), MA (European Studies)	Direttur (Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea u Implimentazzjoni ta' Programmi) *Director (EU Affairs and Programme Implementation)*	22.10.2013
Mr Raymond S Farrugia	Direttur (Servizzi Korporattivi) *Director (Corporate Services)*	23.12.2013

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
MINISTRY FOR HEALTH

Dr Richard Zammit MD, MSc in Public Health (Malta), DCH (Dublin), Cert Dev Paed (London), MBA (Warwick)	Suprintendent tas-Saħħa Pubblika *Superintendent of Public Health*	01.12.2013
Mr Clive Tonna B Sc (Hons) Env Hlth MSc Hlth Sci	Direttur (Saħħa Ambjentali), Sovraintendenza tas-Saħħa Pubblika *Director (Environmental Health), Superintendence of Public Health*	01.12.2013
Dr Joyce Cassar Dip LS, PG Dip T&H Mgmt (SHU), MA, PhD (Melit)	Direttur Ġenerali (Riżorsi Umani) *Director General (Human Resources)*	16.12.2013
Mr Joseph Barbieri Chartered FCIPD	Direttur (Taħriġ u Żvilupp), Diviżjoni tar-Riżorsi Umani *Director (Training and Development), Human Resources Division*	16.12.2013
Mr Tonio Briguglio MA (Fin Serv), BA (Hons) Bus. Managt, FCPA (Int), MCSI	Direttur (Kuntratti) Director (Contracts)	16.12.2013

Nru. 305

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Ħatra ta' *Panels* Multi-Dixxiplinarji

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija lilu bl-artikolu 106 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għoġobha taħtar lil persuni li jidhru hawn taħt biex ikunu membri tal-*Panels* Multi-dixxiplinarji għall-finijiet speċifikati tal-imsemmi Att.

Panel 1

Id-Dott. John Borg – Psikjatra
Is-Sinj. Cher Engerer - Psikologa
Is-Sinj. Antoinette Laferla – *Occupational Therapist*
Is-Sinj. Monya Vassallo – Ħaddiem Soċjali

Panel 2

Dott. Lorraine Azzopardi – Psikjatra
Dott. Katya De Giovanni- Psikologa
Is-Sur Joseph Abela – *Occupational Therapist*
Is-Sinj. Ruth Navarro – Ħaddiem Soċjali

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-13 ta' Marzu, 2014.

Il-21 ta' Marzu, 2014

No. 305

SOCIAL SECURITY ACT
(CAP. 318)

Appointment of Multi-Disciplinary Panels

IN exercise of the powers vested in her by article 106 of the Social Security Act, the Minister for the Family and Social Solidarity is pleased to appoint the persons shown hereunder to be members of the Multi-disciplinary Panels for the purposes of the said Act.

Panel 1

Dr John Borg – Psychiatrist
Ms Cher Engerer - Psychologist
Ms Antoinette Laferla – Occupational Therapist
Ms Monya Vassallo – Social Worker

Panel 2

Dr Lorraine Azzopardi – Psychiatrist
Dr Katya De Giovanni - Psychologist
Mr Joseph Abela – Occupational Therapist
Ms Ruth Navarro – Social Worker

These appointments are for a period of one year with effect from the 13th March, 2014.

21st March, 2014

Nru. 306

ATT DWAR IL-*BILLS* TAT-TEŻOR TA' MALTA (KAP. 133)

Avviż ta' Ħruġ ta' Kalendarju

Dan il-kalendarju juri t-tul ta' żmien għal kull *bill* tat-Teżor li ser jinħareg kull ġimgħa għax-xahar ta' April 2014 u li huwa ppubblikat mill-*Accountant General* skont u għall-finijiet ta' regolament 5 tar-Regolamenti tal-2007 dwar id-Dematerjalizzazzjoni tal-*Bills* tat-Teżor ta' Malta tal-Avviż Legali Nru. 59 tal-2007:

No. 306

MALTA TREASURY BILLS ACT (CAP. 133)

Notice of Issuance Calendar

The following calendar shows the tenor of individual weekly issues of Treasury bills for the month of April 2014 and is published by the Accountant General in terms of regulation 5 of the Malta Treasury Bills (Dematerialisation) Regulations, 2007 of Legal Notice No. 59 of 2007:

MONDAY MAR	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
31 ***Public Holiday***	**01** **TB** Tender Date	**02**	**03**	**04** **TB** Issue of 91 days maturing 4 July 2014 and 182 days maturing 3 October 2014
07	**08** **TB** Tender Date	**09**	**10**	**11** **TB** Issue of 91 days maturing 11 July 2014 and 182 days maturing 10 October 2014
14	**15** **TB** Tender Date	**16**	**17** **TB** Issue of 92 days maturing 18 July 2014 and 183 days maturing 17 October 2014	**18** ***Public Holiday***
21	**22** **TB** Tender Date	**23**	**24**	**25** **TB** Issue of 91 days maturing 25 July 2014 and 182 days maturing 24 October 2014

Notes:- *Note: TB = Treasury Bills*

1. Treasury Bills Auctions are held every Tuesday and successful bids are settled the following Friday.

2. When either of these days falls on a Public Holiday the auction takes place on the first working day immediately before.

3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids on Tender forms, which are available from the Treasury, are to reach the Treasury by 10.00 a.m. on the tender date. Such bids may either be made directly to the Treasury or transmitted by fax on 25967210 or by e-mail.

5. Only offers with a definite yield shall be considered.

6. 28 day tenor minimum amount is €250,000, other tenor €50,000. Above this minimum must be in multiples of €1,000.

7. With regard to the tenor, the following days will apply:

1 month = 28 days	9 months = 273 days
3 months = 91 days	12 months = 364 days
6 months = 182 days	

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same yield as that for the whole amount he has tendered for.

9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day.

10. Settlement of amount allotted is to be made by not later than 10.00 a.m. on the date on which the relative Bills are dated. Payments may be effected either by cheque, made payable to the Accountant General or by bank transfer to the credit of the Public Account, Account number 40001 EUR-CMG5-001-H, with the Central Bank of Malta. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill.

11. The Accountant General reserves the right of not accepting any tender. For further information please refer to the Malta Treasury Bills General Prospectus at www.treasury.gov.mt

21st March, 2014

Nru. 307

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:
A detailed justification is presented below:

Numru ta' Referenza: TRK 153032
Post: Triq il-Madonna tad-Dawl, Ħal Kirkop
Proposta: Bini ta' mħażen

Reference Number: TRK 153032
Location: Triq il-Madonna tad-Dawl, Ħal Kirkop
Proposal: Construction of warehouses

Impatti potenzjali *Potential Impacts*	Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ. *Remarks on mitigation measures, etc.*
Ħolqien ta' skart	Il-proġett se jiġġenera l-iskart kemm waqt il-kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Matul il-fażi tal-kostruzzjoni, l-iskart inert se jiġi ġġenerat fi kwantitajiet mhux meqjusa bħala sinifikanti. Waqt l-operat, l-attivitajiet industrijali fuq is-sit mhumiex mistennija li jiġġeneraw ammonti sinifikanti ta' skart muniċipali. Kull skart perikoluż se jkun temporanjament maħżun f'kontenituri xierqa mill-operaturi. Kull skart iġġenerat se jsegwi strateġija solida għall-ġestjoni tal-iskart u jista' jiġi mmitigat suffiċjentament permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali li tkopri l-kumpless kollu.
Waste generation	*The project will generate waste during both construction and operation. Inert waste generated during the construction phase is not considered to be significant. During operation, the industrial activities on site are not expected to generate significant amounts of municipal waste. Any hazardous waste will be temporarily stored in appropriate containers by the specific unit operators. Any waste generated will follow a solid waste management strategy and can be sufficiently mitigated through an environmental registration covering the entire complex.*
Impatt fuq il-kwalità tal-arja	Waqt il-kostruzzjoni, huwa mistenni li jitqanqlu xi trabijiet mit-tindif u t-tħaffir tas-sit, u emissjonijiet ta' *Nitrogen Oxide* (NOx) mill-inġenji u traffiku. Madankollu, l-ebda impatt sinifikattiv mhu mistenni minħabba li ma hemmx riċetturi sensittivi fiż-żona tal-madwar mistennija mill-iżvilupp u dment li r-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż

No. 307

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Legali 295 ta' 2007) jiġu osservati. Waqt l-operat, l-emissjonijiet iġġenerati jiddependu mill-attivitajiet mwettqa f'kull garaxx industrijali. Il-proposta mhix mistennija li tiġġenera ammont konsiderevoli ta' traffiku waqt l-operat. Impatti oħra ġġenerati minn kull garaxx industrijali jistgħu jitnaqqsu permezz ta' disinn xieraq, ġestjoni xierqa ta' skart u miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali. Il-proċess għal-permess tal-iżvilupp joffri wkoll il-possibbiltà li jillimita l-iżvilupp fuq il-post għal firxa limitata ta' użi (jew użi speċifiċi) jekk dan jitqies neċessarju.

Impact on air quality

During construction, fugitive dust from site clearance and excavation, and Nitrogen Oxide (NOx) emissions from construction vehicles are expected. However, no significant impact is envisaged given that that there are no particular sensitive receptors in the area of influence of the development and as long as the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007) are adhered to. During operation, depending on the activies carried out within each industrial garage, emissions may be generated. The proposal is not expected to generate a considerable amount of traffic during operation. Other impacts generated from each industrial garage can be sufficiently mitigated through proper design, adequate waste management and measures which could be managed through environmental registration. The mainstream development permitting process also affords the possibility of restricting the development on site to a limited range of use classes (or specific uses) should this be deemed necessary.

Storbju u vibrazzjonijiet

L-istorbju u l-vibrazzjonijiet waqt il-kostruzzjoni huma mistennija li jiġu limitati għal dawk normalment assoċjati ma' attivitajiet normali f'siti ta' kostruzzjoni. Waqt il-fażi ta' l-operat, l-istorbju u vibrazzjonijiet mhumiex mistennija li jkunu sostanzjali. Madankollu, kwalunkwe impatt jista' jittaffa b'mod suffiċjenti permezz ta' miżuri li jistgħu jiġu ġestiti permezz ta' reġistrazzjoni ambjentali.

Noise and vibrations

Noise and vibration during construction are expected to be limited to those typically associated with normal construction site activities. During operation, noise and vibrations are not expected to be substantial. Furthermore, any impacts can be mitigated sufficiently through measures which could be managed by means of an environmental registration.

Kwalità tal-Ilma

Is-sit jaqa' fi *Groundwater Protection Zone*. Il-proġett jista' jżid ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-ilma permezz tar-rilaxx potenzjali ta' ilmijiet kontaminati fl-ilma tal-pjan. Għalhekk, disinn xieraq u miżuri operattivi għandhom jiżguraw li ma jkunx hemm riskji ta' kontaminazzjoni ta' art jew ilma minn ħruġ ta' inkwinanti.

Water Quality

The site falls within a Groundwater Protection Zone. The project may further increase the risk of contamination of water through the potential release of contaminated waters into the underlying aquifer. Therefore, appropriate design and operational measures should ensure that there are no risks of land or water contamination from releases of pollutants.

Impatti fuq il-wirt kulturali

Għalkemm is-sit u l-madwar kien soġġett għal tħaffir estensiv ta' barrieri, hemm il-possibbiltà li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi u b'hekk tinħtieġ konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali speċjalment dwar monitoraġġ tax-xogħlijiet.

Impact on cultural heritage

Although the site and its entire surrounding area has been subjected to extensive quarrying activity, there is a possibility of archaeological remains being uncovered. Thus consultation with the Superintendence of Cultural Heritage (SCH) is required especially regarding monitoring of on-site works.

Impatt permezz ta' dawl

Matul il-lejl, huma mistennija emissjonijiet ta' dawl aktar minn dawk li diġà hemm bħalissa. Madankollu, dawn jistgħu jitnaqqsu bl-użu ta' lampi li jixħtu d-dawl 'l isfel, u billi l-ammont ta' dawl matul il-lejl jitnaqqas għal livelli minimi.

Light pollution

During night time, light emissions above the current baseline situation are expected. Nevertheless, these may be reduced through the use of down-lighters and minimisation of nocturnal lighting.

Nru. 308

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
21. 03. 2014	€31.793	€0.510

Il-21 ta' Marzu, 2014

No. 308

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

21st March, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 22

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-saħħa tal-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif muri hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fit-dati u l-ħinijiet indikati:-

L-Imġarr

Nhar il-Ħadd, 6 ta' April, 2014 mit-8.00 a.m. sas-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Triq iż-Żebbiegħ, Triq Fisher, parti minn Triq il-Kbira (minn Triq Il-Kurat Chetcuti sa Triq Vitale), parti minn Triq Dun Edgar (minn Triq San Pawl sa Wesgħet il-Ġublew), Triq il-Kurat Chetcuti, Wesgħet il-Ġublew, Triq Sir Harry Luke, Triq Mons. Orazio Vella, Triq Banjijiet Rumani (minn Triq il-Magħkuba) u Triq ir-Ruħ.

It-traffiku f'dawn it-toroq (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit.

Il-21 ta' Marzu, 2014

POLICE NOTICE

No. 22

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder.

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap.65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Mġarr

On Sunday, 6th April, 2014 from 8.00 a.m. till 6.00 p.m. through the following streets: Triq iż-Żebbiegħ, Triq Fisher, part of Triq il-Kbira (from Triq Il-Kurat Chetcuti up to Triq Vitale), part of Triq Dun Edgar (from Triq San Pawl up to Wesgħet il-Ġublew), Triq il-Kurat Chetcuti, Wesgħet il-Ġublew, Triq Sir Harry Luke, Triq Mons. Orazio Vella, Triq Banjijiet Rumani (from Triq il-Magħkuba) and Triq ir-Ruħ.

All traffic movement (transit or parking) is prohibited.

21st March, 2014

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 23

Bis-saħħa tal-Artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fit-dati u l-ħinijiet indikati:-

Ix-Xagħra, Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' April, 2014 mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza l-Vittorja, Vjal 8 ta' Settembru, Triq il-Bambina, Triq il-Miħna, Triq Mqades u Triq Franġisk Camilleri

Nhar il-Ħadd, 13 ta' April, 2014 mid-9.00 a.m. sal-10.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vitorja, Triq Spiera u Triq il-Knisja

Nhar il-Ġimgħa, 18 ta' April, 2014 mill-5.30 p.m. sal-10.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vitorja, Triq 28 ta' April 1688, Pjazza Sant Anton, Triq San Ġużepp, Triq Bullara u Triq Jannara

Nhar il-Ħadd, 20 ta' April, 2014 mill-5.30 p.m. sas-7.30 p.m. minn Pjazza Vittorja

Nhar il-Ħadd, 20 ta' April, 2014 mit-8.00 a.m. sa nofsillejl minn Triq 28 ta'April 1688.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikun suġġett li jiġu rmunkati.

Il-Qrendi

Nhar il-Ħamis, 27 ta' Marzu, 2014, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Triq il-Parroċċa, Misraħ Santa Marija, Triq San Nikola, Triq it-Torri, Triq il-Kbira u Triq Rokku Buhagiar fid-direzzjoni lejn il-knisja.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 13 ta' April, 2014, mis-7.30 a.m. sas-1.00 p.m. minn Pjazza Repubblika

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikun suġġett li jiġu rmunkati.

Il-21 ta' Marzu, 2014

POLICE NOTICE

No. 23

In virtue of Article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap.65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Xagħra, Gozo

On Friday, 11th April, 2014 from 6.30 p.m. to 7.30 p.m. through the following streets: Pjazza l-Vittorja, Vjal 8 ta' Settembru, Triq il-Bambina, Triq il-Miħna, Triq Mqades and Triq Franġisk Camilleri

On Sunday, 13th April, 2014 from 9.00 a.m. to 10.00 a.m. through the following streets: Pjazza Vitorja, Triq Spiera and Triq il-Knisja

On Friday, 18th April, 2014 from 5.30 p.m. to 10.30 p.m. through the following streets: Pjazza Vitorja, Triq 28 ta' April 1688, Pjazza Sant Anton, Triq San Ġużepp, Triq Bullara and Triq Jannara

On Sunday, 20th April, 2014 from 5.30 p.m. to 7.30 p.m. through Pjazza Vittorja

On Sunday, 20th April, 2014 from 8.00 a.m. to midnight through Triq 28 ta'April 1688.

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be subject to be towed.

Qrendi

On Thursday, 27th March, 2014, from 4.00 p.m. till 9.00 p.m. through Triq il-Parroċċa, Misraħ Santa Marija, Triq San Nikola, Triq it-Torri, Triq il-Kbira and Triq Rokku Buhagiar towards to church.

Żurrieq

On Sunday, 13th April, 2014, from 7.30 a.m. till 1.00 p.m. through Pjazza Repubblika

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be subject to be towed.

21st March, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 8 tal-2014

Bini ta' Skal fil-Birgu
ħdejn il-Klabb tar-Regatta

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li b'seħħ immedjat se jibda jinbena skal ħdejn il-Klabb tar-Regatta, Il-Birgu.

Dawn ix-xogħlijiet se jsiru fiż-żona kif muri fiċ-*chart* fuq il-*website* ta' Transport Malta (http://www.transport.gov.mt).

Ix-xogħlijiet se jsir mill-art bl-għajnuna minn għaddasa.

Minhabba dawn ix-xogħlijiet, kull bastiment irmiġġat madwar 20 metru mill-pożizzjoni indikata għandu jitneħħa. Barra minn hekk il-baħħara u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jgħaddu b'veloċità baxxa ħafna u jżommu tal-anqas 50 metru bogħod miż-żona msemmija.

Il-baħħara għandhom jobdu l-istruzzjonijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12.

Charts affettwati: BA 177

Il-21 ta' Marzu, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 8 of 2014

Construction of Slipway at
Vittoriosa near Regatta Club

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the construction of a slipway near the Vittoriosa Regatta Club, Vittoriosa, will start with immediate effect.

These works will be carried out in the area as shown on the chart on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The works will be carried out from land with the assistance of divers.

In view of these works any vessels berthed within 20m from the indicated position are to be removed. Furthermore mariners and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed at very slow speed and give the above area a wide berth of at least 50 metres.

Instructions given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 are to be complied with.

Chart affected: BA 177

21st March, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 8 tal-2014

Survey Siżmiku 'l hinn mill-Kosta ta' Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir *survey* 'l hinn mill-kosta ta' Malta mill-bastiment tar-riċeka M/V Artemis Atlantic flimkien mal-bastiment M/V Fairline Surveyor.

Jekk it-temp jippermetti s-*survey* huwa skedat li jibda l-Erbgħa, 26 ta' Marzu, 2014 għal perjodu ta' madwar 20 ġurnata.

Dan is-*survey* se jsir fiż-żona kif ġej:

Punt	*Latitude (T)*	*Longitude (L)*
A	036° 29.40'	013° 30.00'
B	036° 32.60'	013° 49.20'
C	036° 33.20'	013° 54.70'
D	036° 32.00'	014° 00.00'
E	036° 26.10'	014° 23.00'

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 8 of 2014

Seismic Survey Offshore Malta

The Ports and Yachting Directorate notifies mariners that a seismic survey will be carried out offshore Malta by the seismic vessel M/V Artemis Atlantic with the vessel M/V Fairline Surveyor in attendance.

Weather permitting the survey is scheduled to start on Wednesday, 26th March, 2014 for a period of approximately 20 days.

The survey will be carried out in the following area:

Point	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	036° 29.40'	013° 30.00'
B	036° 32.60'	013° 49.20'
C	036° 33.20'	013° 54.70'
D	036° 32.00'	014° 00.00'
E	036° 26.10'	014° 23.00'

F	036° 21.80'	014° 35.00'
G	036° 17.00'	014° 47.40'
H	036° 09.40	015° 05.00'
I	035° 43.64'	015° 07.84'
J	035° 46.00'	014° 30.00'
K	035° 58.57'	013° 28.20'
L	036° 10.63'	013° 22.43'

Il-bastiment tar-riċerka se jkun qed jiġbed *cable* ta'4.5 mili nawtiċi u se jkun ristrett fil-manuvri tiegħu.

Il-baħħara huma mitluba biex joqogħdu attenti meta jkunu fil-viċinanzi taż-żona msemmija u li jżommu 'l bogħod tal-anqas 6 mili nawtiċi mill-inħawi ta' fejn ikun qed jaħdem il-bastiment ta' riċerka Artemis Atlantic li se jkun meħtieġ ukoll jippermetti l-manuvrar tal-bastiment fl-inħawi.

Kull informazzjoni meħtieġa tista' tinkiseb miż-żewġ bastimenti waqt li jkun qed isir is-*survey*.

Charts affettwati: BA 2124, BA 2123 INT 301 INT 302

Il-21 ta' Marzu, 2014

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 9 tal-2014

Vessel Boarding Exercise mill-FAM fuq l-MV Ta' Pinu

Id-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting*, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-Forzi Armati ta' Malta se tagħmel *vessel boarding exercise* fuq il-vapur ta' Għawdex l-MV Ta' Pinu. Jekk it-temp jippermetti, il-*boarding exercise* se jsir il-Ħamis, 27 ta' Marzu, 2014, bejn id-8.45 a.m. u l-11. 00 a.m. waqt li l-bastiment ikun sejjer lejn il-Port ta' Marsamxett. Iż-żona fejn se jsir it-taħriġ hija ppjanata meta l-bastiment ikun madwar mil nawtiku bogħod mill-Bajja ta' Santa Marija, Kemmuna.

Minħabba dan ta' hawn fuq, il-baħħara u operaturi ta' bastiment huma avżati biex joqogħdu attenti, jgħaddu b'veloċità baxxa u jżommu tal-anqas mitejn metru bogħod miż-żona.

Il-baħħara għandhom jobdu kull ordni li tingħata mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq il-VHF Channel 12.

Charts affettwati: BA 211, 2537

Il-21 ta' Marzu, 2014

F	036° 21.80'	014° 35.00'
G	036° 17.00'	014° 47.40'
H	036° 09.40	015° 05.00'
I	035° 43.64'	015° 07.84'
J	035° 46.00'	014° 30.00'
K	035° 58.57'	013° 28.20'
L	036° 10.63'	013° 22.43'

The seismic vessel will be towing a single 4.5 nautical mile cable and will be restricted in her ability to manoeuvre.

Mariners are instructed to navigate with caution when in the vicinity of the above mentioned area and give a wide berth and observe a 6 nautical mile restricted zone which will be implemented around the seismic vessel Artemis Atlantic which is also required to allow the vessel to manoeuvre into the area.

Any further information which may be required may be obtained by contacting any of the two vessels during the time of survey.

Charts affected: BA 2124, BA 2123 INT 301 INT 302

21st March, 2014

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 9 of 2014

AFM Vessel Boarding Exercise on MV Ta' Pinu

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Armed Forces of Malta will conduct a vessel boarding exercise on the Gozo Channel ferry MV Ta' Pinu. Weather permitting the boarding exercise will take place on Thursday, 27th March, 2014, between 8.45 a.m. and and 11.00 a.m. while this vessel is underway to Marsamxett Harbour. The exercise area is planned to take place when this vessel is approximately one Nautical Mile away from Santa Marija Bay, Comino.

In view of the above mariners and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, proceed at very slow speed and give the above area a wide berth of at least 200 metres.

Instructions given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 are to be complied with.

Chart affected: BA 211, 2537

21st March, 2014

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Pożizzjoni ta' *Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy)* fil-Ministeru għall-Finanzi

(Approvazzjoni skont il-*capacity building* *datata l-11 ta' Marzu, 2014)*

"*Skont klawsola 3.1(l) tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*".

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Finanzi jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy)* fil-Ministeru għall-Finanzi.

Tul tal-*assignment* u Kundizzjonijiet

2. Persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy)* fil-Ministeru għall-Finanzi, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy)* matul il-perjodu tal-*assignment*, ikollha l-*assignment* tagħha tterminat.

Salarju marbut mal-pożizzjoni

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy)* huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 5 (bħalissa €27,707).

3.2 Minħabba n-natura speċjali tax-xogħol, persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-ħlas ta' *disturbance allowance* sa massimu ta' 15% tas-salarju għal xogħol magħmul b'mod regolari wara l-ħin tal-uffiċċju. Din l-*allowance* tista' titla sa mhux aktar minn massimu ta' 25% f'każi eċċezzjonali, bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi.

3.3 Il-persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-*performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku marbut ma' xogħol sodisfaċenti.

Dmirijiet

4**.** Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy)* jinkludu:

jirrapporta fuq miżuri tat-taxxa għall-Programm Nazzjonali għar-Riforma;

janalizza dokumenti varji fuq politika maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea, OECD, eċċ. kif ukoll imexxi l-konsultazzjoni neċessarja;

MINISTRY FOR FINANCE

Position of Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy) in the Ministry for Finance

(Capacity building approval dated 11th March, 2014)

"In accordance with clause 3.1(l) of the current Collective Agreement, nomenclatures importing the male gender include also the female gender".

The Permanent Secretary, Ministry for Finance invites applications for the position of Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy) in the Ministry for Finance.

Duration of assignment and Conditions

2. A selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy) in the Ministry for Finance**,** which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy) during the assignment period will lead to termination of the assignment.

Salary pegged to the position

3.1 The salary attached to the position of Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy) is equivalent to the maximum point of Salary Scale 5 (currently €27,707).

3.2 In view of the special nature of the duties involved, the appointee will also be entitled to a disturbance allowance of up to a maximum of 15% of the salary for work performed regularly after office hours. The allowance may be increased up to a maximum of 25% in exceptional circumstances, and on the approval of the Permanent Secretary, Ministry for Finance.

3.3 A selected candidate will also be entitled to a performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary subject to positive performance.

Duties

4. The duties of Senior Finance Manager (Tax and Social Welfare Policy) include:

reports on taxation measures for the National Reform Programme;

performs analysis of various policy documents put forward by the EU Commission, OECD, etc. as well as hold the necessary consultations;

isegwi żviluppi fit-taxxa u *welfare* soċjali billi jagħmel analiżi tal-impatt fuq xejriet identifikati għall-baġit nazzjonali;

jipparteċipa f'fora lokali u internazzjonali fuq aspetti ta' taxxa u *welfare* soċjali, liema fora jinkludu kumitati, *working groups*, laqgħat bilaterali u multi-laterali, eċċ;

jipparteċipa fl-implimentazzjoni ta' tibdiliet fil-qafas leġiżlattiv li jirregola t-taxxa u *welfare* socjali;

jipparteċipa fl-implimentazzjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni tal-vetturi;

jimmaniġġa x-xogħol tas-sezzjoni responsabbli għall-politika dwar taxxa u *welfare* soċjali;

jifformola d-direzzjoni strateġika u jfassal il-pjan ta' ħidma tas-sezzjoni;

jiżgura u jieħu responsabbiltà għall-iżvilupp kontinwu tal-programm ta' ħidma tas-sezzjoni, skont metodoloġiji u prattiċi internazzjonali;

jissorvelja, jevalwa, jivvaluta u jirrapporta fuq ix-xogħol li jkun qed isir mis-sezzjoni u l-membri tagħha;

jassigura li l-proċeduri ta' kontroll ta' kwalità fuq prattiċi finanzjarji u statistiċi kollha jkunu fis-seħħ u jkunu qegħdin jiġu segwiti;

jassumi responsabbiltà għall-produzzjoni tax-xogħol kollu tas-sezzjoni li jmexxi;

ifassal u jiddeċiedi fuq metodi u proċeduri kif tinġabar informazzjoni finanzjarja, bħal sistemi korporattivi, informazzjoni miġbura minn entitajiet pubbliċi, eċċ;

juża teknika u mudelli finanzjarji u statistiċi sabiex ibassar riżultati, tendenzi u bżonnijiet;

jidentifika relazzjonijiet u tendenzi fid-*data*;

juża kompjuter biex idaħħal *data* u jipproduċi tabelli u grafika;

jagħmel preżentazzjonijiet ta' sejbiet u rakkomandazzjonijiet;

jikteb rapporti fuq żviluppi fis-swieq tat-taxxa u *welfare* soċjali u jipprepara d-data għall-pubblikazzjoni;

jipprovdi data biex tgħin lil min jifformola l-politika;

jista' jivverifika *data* jew rapporti finanzjarji u/jew statistiċi għal ineżattezzi;

jista' janalizza u jirrakkomanda fuq aspetti ta' taxxa, korporattivi, legali, finanzjarji, ekonomiċi u soċjali;

isegwi u jipparteċipa fi żviluppi internazzjonali relatati ma' metodoloġija ta' taxxa u *welfare* soċjali;

jassisti lid-Direttur Ġenerali u Direttur fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi maniġerjali stabbiliti;

jagħmel xogħol ieħor anċiljari kif imqabbad mis-superjuri;

jagħmel dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif mitlub mis-Segretarju Permanenti Prinċipali.

monitors developments in taxation and social welfare policy, performing impact analysis of identified trends on the national budget;

participates in domestic and international fora on various aspects of taxation and social welfare, including committees, working groups, bi-lateral and multi-lateral meetings, etc;

participates in the implementation of changes in the legislative framework regulating taxation and social welfare;

participates in the implementation to the motor vehicle registration tax;

manages the work of the Tax and Social Welfare Unit;

formulates the strategic direction and draws up the unit work plan;

ensures and takes responsibility for the ongoing development of the unit work programme in accordance with international methodologies and practices;

monitors, evaluates, appraises and reports upon the work being carried out by the unit and its staff members;

ensures that all the financial and statistical quality control procedures and practices are in place and are being adhered to;

takes overall responsibility for the output of his/her unit;

designs and decides upon methods and procedures of obtaining financial data, such as corporate systems, data held by public entities, etc;

uses financial and statistical techniques and models to forecast results, trends and needs;

identifies relationships and trends in data;

uses computers to enter data to produce tables, graphs and charts of data;

presents findings and recommendations;

writes reports on developments taking place in taxation and social welfare policies and prepares data for publication;

provides data to help policy-makers;

may check data or financial and /or statistical reports for inaccuracies;

may analyse and recommend on tax, corporate, legal, financial, economical and social issues;

follows and participates in international taxation and social welfare methodological developments;

assists the Director General and Director in the implementation of established management objectives;

carry out any other ancillary duties as may be assigned by superiors;

perform any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

Eligibility requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw fil-lingwa Maltija u Ingliża

(iii) (a) ikollhom *postgraduate degree (Masters)* rikonoxxuta f'MQF Livell 7, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa u kumparabbli, fl-e*conomics, statistics, accountancy, commerce, finance* jew *banking,* jew oqsma oħra relevanti li jkunu jinkludu suċċessi f'*course credits* fl-*economics* jew *finance* jew *statistics*. Applikanti skont paragrafu 5 (iii) (a) irid ikollhom ukoll tliet (3) snin esperjenza f'xogħol relevanti, li sena (1) minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*;

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English Language;

(iii) (a) in possession of a recognized post-graduate degree (Masters) at MQF Level 7, or a recognized appropriate comparable qualification, in economics, statistics, accountancy, commerce, finance or banking or other relevant fields of study which contain the successful attainment of course credits in economics or finance or statistics. Applicants in terms of paragraph 5 (iii) (a) must also have three (3) years relevant work experience of which one (1) year must be in a management position.

Jew

(b) ikollhom *first degree* rikonoxxuta f'MQF Livell 6, jew kwalifika rikonoxxuta xierqa u kumparabbli, fl-e*conomics, statistics, accountancy, commerce, finance* jew *banking,* jew oqsma oħra relevanti li jkunu jinkludu suċċessi f'*course credits* fl-*economics* jew *finance* jew *statistics*. Applikanti skont paragrafu 5 (iii) (b) irid ikollhom ukoll ħames (5) snin esperjenza f'xogħol relevanti, li sena (1) minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*;

Jew

(c) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fi Skala ta' Salarju mhux anqas minn Skala 7, u jkollhom tmien (8) snin esperjenza f'xogħol relevanti, li sena (1) minnhom trid tkun f'pożizzjoni ta' *management*.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

5.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-*link* aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

Or

(b) in possession of a recognized first degree at MQF Level 6, or a recognized appropriate comparable qualification, in economics, statistics, accountancy, commerce, finance or banking or other relevant fields of study which contain the successful attainment of course credits in economics or finance or statistics. Applicants in terms of paragraph 5 (iii) (b) must also have five (5) years relevant work experience of which one (1) year must be in a management position.

Or

(c) Public Officers in a Scale not below Scale 7, with 8 years relevant work experience of which one (1) year must be in a management position.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have proven relevant work experience.

5.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of supporting documentation

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

7. L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

8. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Finanzi, Maison Demandols, 30, Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ħamis, is-17 ta' April, 2014. L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu sottomessi permezz tal-*Online Government Recruitment Portal* fuq (http://recruitment.gov.mt) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, kif indikat hawn fuq. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet ġenerali oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

kundizzjonijiet applikabbli oħrajn;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita;
sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
eżami mediku;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti

jinstabu fis-sit elettroniku tad-Direttorat tar-Resourcing, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371) jew jinkisbu mill–*Human Resources Section* tal-Ministeru għall-Finanzi. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat riċeventi huwa 2125 1356 filwaqt li l-indirizz tal-*email* huwa (human-resources.mfin@gov.mt).

Il-21 ta' Marzu, 2014

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection procedure

7. Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

Submission of applications

8. Applications, together with a *curriculum vitae* showing qualifications and experience, will be received by Director Corporate Services at Maison Demandols, 30, Triq Nofsinhar, Valletta, by not later than noon (Central European Time) of Thursday, 17th April, 2014. Applications can also be submitted through the Online Government Recruitment Portal on (http://recruitment.gov.mt) by the said closing time and date. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other general provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

other applicable conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
the submission of recognition statements in respect of qualifications;
the publication of the result;
the process for the submission of petitions concerning the result;
medical examination;
access to application forms and related details;
retention of documents

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=371) or may be obtained from the Human Resources Section of the Ministry for Finance. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the receiving Directorate is 2125 1356 and the e-mail address is (human-resources.mfin@gov.mt)

21st March, 2014

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Ingaġġ mill-Ġdid ta' Uffiċjali Pubbliċi Rtirati u Ingaġġ ta' *External Recruits* Irtirati fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa

Id-Direttur Prattiki tar-Riżorsi Umani, għas-Segretarju Permanenti, Ministeru għas-Saħħa jilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* irtirati u bil-kwalifiki u esperjenza xierqa li laħqu l-età tal-irtirar jew li se jilħqu l-età tal-irtirar sal-31 ta' Diċembru 2014, u li jkunu uffiċjali pubbliċi rtirati, jew individwi rtirati li qabel ma kinux uffiċjali pubbliċi għall-postijiet speċifikati hawn taħt. F'kull kaz irid ikollhom l-istess rekwiżiti.

Il-postijiet meħtieġa huma hekk kif ġej:

Konsulent *(Medical Imaging)*
Konsulent (Ostetriċija and Ginekoloġija)
Resident Specialist (Anasteżija)
Resident Specialist (Dijabete u Endokrinoloġija)
*Resident Specialist (*Ortopediċja)

Persuni magħżula jkunu impjegati fuq bażi kuntrattwali li fl-ebda każ ma jista' jiġi estiż aktar minn perjodu ta' tnejn u erbgħin (42) xahar jew aktar mill-età ta' ħamsa u sittin (65) liema tiġi l-ewwel.

Persuni magħżula jitħallsu skont ir-regoli u r-regolamenti applikabbli kif stabbiliti mit-Taqsima tas-Servizzi għall-Kura tas-Saħħa.

Applikanti magħżula jkunu intitolati biss għall-benfiċċji, inkluża rimunerazzjoni, kif stiplati fil-kuntratt tagħhom.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li wieħed jgħid li jkollu għandhom ikunu msaħħa b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopji tagħhom għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni flimkien ma' *Curriculum Vitae*, bl-oriġinali li għandhom jiġu ppreżentati għall-verifika meta jintalbu. Xhieda li jkollhom liċenzja biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta, li tinħareġ mill-Kunsill Mediku, għandha tintbagħat ukoll mal-applikazzjoni.

L-applikazzjonijiet u dokumenti relevanti jintlaqgħu mid-Direttorat għall-Prattiki tar-Riżorsi Umani, Ministeru għas-Sahha, Palazzo Castellania 15, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171 mhux aktar tard minn nofsinhar (CET) tal-Ġimgħa, il-11 ta' April, 2014 u tingħata rċevuta fi żmien sebat (7) ijiem. Kull mistoqsija għandha tkun indirizzata fl-indirizz ta' hawn fuq jew fl-*e-mail*: (recruitment.mfh@gov.mt).

Il-21 ta' Marzu, 2014

MINISTRY FOR HEALTH

Re-Engagement of Retired Public Officers and Engagement of Retired External Recruits within the Ministry for Health.

The Director, Human Resources Practices on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for Health invites applications for the posts specified below from suitably qualified and experienced Medical Practitioners who have reached or are expected to reach retirement age by 31st December 2014, and who are either retired public officers, or retired individuals not having previously been public officers. In each case, candidates must possess the same requisites.

The posted required are as follows:

*Consulatant (*Medical Imaging)
*Consulatant (*Obstetrics and Gynaecology)
Resident Specialist (Anaesthesia)
Resident Specialist (Diabetes and Endocrinology)
Resident Specialist (Orthopaedics)

Selected persons will be employed on a contract basis which shall in no case be extended beyond a period of forty-two (42) months or beyond the employee's sixty-fifth (65th) birthday, whichever is the earlier.

Selected persons will be paid in accordance with applicable rules and regulations as determined by the Health Care Services Division.

Selected applicants shall only be entitled to the benefits, including remuneration, as laid down in their contract.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application together with a Curriculum Vitae, with originals to be produced for verification upon request. Evidence of possession of a Licence to practice the medical profession in Malta, issued by the Medical Council, is also to be sent with the application.

Applications and supporting documents will be received by the Director, Human Resources Practices Directorate Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171 by not later than noon (CET) of Friday, 11th April 2014 and acknowledged within 7 days. Any queries are to be addressed to the above address or on e-mail address: (recruitment.mfh@gov.mt).

21st March, 2014

L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Post *Full-Time* ta' Uffiċjal għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, qed tfittex li timpjega persuna b'ħiliet adekwati u speċifiċi għall-post *full-time* ta' Uffiċjal għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol, Grad l.

Id-data sa meta jintlaqgħu l-applikazzjonijiet hija t-Tlieta, l-1 ta' April, 2014, f'nofsinhar.

Aktar dettalji, bħal dmirijiet, ir-responabbiltajiet, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, il-ħtiġiet ta' kwalifiki u kif tapplika, jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-Awtorità: (http://www.ohsa.org.mt).

Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
17, Triq Edgar Ferro
Pietà PTA 1533

Permess tal-ETC: 14/2014 – Ref MPO: 80/2005/01

Il-21 ta' Marzu, 2014

MINISTERU GĦAT-TRASPORT U L-INFRASTRUTTURA

Riżultat ta' Intervisti għall-Post ta' *Operations Manager* fl-Uffiċċju għar-Regolament tal-Bini fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura

Is-Segretarju Permanenti jgħarraf illi r-riżultat tal-intervisti għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat, u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fid-Direttorat tal-*People Management*, fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, Blokk 'A', Triq Francesco Buonamici, Il-Furjana, u fuq *in-notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta.

Il-21 ta' Marzu, 2014

DIPARTIMENT TAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPIEG

Tħassir ta' Reġistrazzjoni ta' *Trade Union*

Ir-Reġistratur tat-*Trade Unions* jgħarraf illi skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 55(2)(d) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), *Emergency Nurses Union* m'għadhiex irreġistrata bħala *Trade Union* b'seħħ mit-18 ta' Marzu, 2014.

Il-21 ta' Marzu, 2014

OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY AUTHORITY

Full-Time Post of Occupational Health and Safety Officer 1

The Occupational Health and Safety Authority is seeking to recruit a high-calibre individual for the full-time post of Occupational Health and Safety Officer l.

The closing date for the receipt of applications is noon of Tuesday, 1st April, 2014.

Further details including duties and responsibilities, terms of engagement, qualification requirements and mode of application may be downloaded from: (http://www.ohsa.org.mt)

Occupational Health and Safety Authority
17, Triq Edgar Ferro
Pietà PTA 1533

ETC Permit: 14/2014 – MPO Ref: 80/2005/01

21st March, 2014

MINISTRY FOR TRANSPORT AND INFRASTRUCTURE

Result of Interviews for the Post of Operations Manager at the Building Regulation Office within the Ministry for Transport and Infrastructure

The Permanent Secretary notifies that the result of the interviews for the above mentioned post has been published, and may be viewed on the main notice-board at the People Management Directorate, Ministry for Transport and Infrastructure, Block 'A', Triq Francesco Buonamici, Floriana, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

21st March, 2014

DEPARTMENT OF INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

Cancellation of Registration of Trade Union

The Registrar of Trade Unions notifies that in accordance with the provisions of paragraph 55(2)(d) of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452) the Emergency Nurses Union has ceased to be registered as a Trade Union with effect from the 18th March, 2014.

21st March, 2014

DIPARTIMENT TAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPIEG

Tħassir ta' Reġistrazzjoni ta' *Trade Union*

Ir-Reġistratur tat-*Trade Unions* jgħarraf illi skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 55(2)(d) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), *Rampa Union* m'għadhiex irreġistrata bħala *Trade Union* b'seħħ mit-18 ta' Marzu, 2014.

Il-21 ta' Marzu, 2014

DEPARTMENT OF INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

Cancellation of Registration of Trade Union

The Registrar of Trade Unions notifies that in accordance with the provisions of paragraph 55(2)(d) of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452) the Rampa Union has ceased to be registered as a Trade Union with effect from the 18th March, 2014.

21st March, 2014

DIPARTIMENT TAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPIEG

Tħassir ta' Reġistrazzjoni ta' Assoċjazzjoni ta' Prinċipali

Ir-Reġistratur tat-*Trade Unions* jgħarraf illi skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 55(2)(d) tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), il-*Public Transport Association* ma għadhiex irreġistrata bħala Assoċjazzjoni ta' Prinċipali b'seħħ mit-18 ta' Marzu, 2014.

Il-21 ta' Marzu, 2014

DEPARTMENT OF INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

Cancellation of Registration of Employers' Association

The Registrar of Trade Unions notifies that in accordance with the provisions of paragraph 55(2)(d) of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452) the Public Transport Association has ceased to be registered as an Employers' Association with effect from the 18th March, 2014.

21st March, 2014

L-INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2009 = 100)

	2014
Jannar	107.27
Frar	107.83

Oġġetti li ġabu l-aktar tibdil:–

	Jannar 2014	Frar 2014	Effett fuq l-Indiċi
Ikel			
Ħaxix	149.33	136.28	-0.12
Ħwejjeġ u Żraben			
Ħwejjeġ tal-irġiel	74.56	77.76	0.06
Ħwejjeġ tan-nisa	65.03	72.61	0.19
Trasport u Komunikazzjoni			
Servizz tat-trasport bl-ajru	101.84	110.41	0.19

Il-21 ta' Marzu, 2014

RETAIL PRICE INDEX

All Items (December 2009 = 100)

	2014
January	107.27
February	107.83

Items causing most change:–

	January 2014	February 2014	Effect on Index
Food			
Vegetables	149.33	136.28	-0.12
Clothing and Footwear			
Men's outerwear	74.56	77.76	0.06
Women's outerwear	65.03	72.61	0.19
Transport and Communications			
Air transport services	101.84	110.41	0.19

21st March, 2014

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Lista ta' kuntratti dipartimentali mogħtija mid-Direttorat tal-*Customer Services* bejn l-1 ta' Lulju, 2013 u l-31 ta' Diċembru, 2013, ippubblikata skont Artikolu 20(2) tar-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

Din il-lista hija ppubblika b'żieda ma' dik li ħarġet fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Frar, 2014.

Il-21 ta' Marzu, 2014

MINISTRY FOR GOZO

List of departmental contracts awarded by the Customer Services Directorate during the period between 1st July, 2013 and 31st December, 2013 published in terms of Article 20(2) of the Public Procurement Regulations 2010.

This List is being published in addition to the one issued in the Government Gazette dated 18th February, 2014.

21st March, 2014

Xorta tal-Kuntratt *Nature of Contract*	Deskrizzjoni *Description*	Kuntrattur *Contractor*	Ammont inkluż il-VAT *Amount including VAT*
CUL 49/2013	Public Address System for Sweet Music Sessions 2013	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€200.00
CUL 50/2013	Public Address System for Two Cultural Activities	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€155.00
CUL 51/2013	Printing of Souvnier Booklet - Xlendi Jazz Night - 7th September 2013	J De Bono Printing Press	€275.00
CUL 52/2013	Supply of Lighting System for Xlendi Jazz Concert- 7th September 2013	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€280.00
CUL 55/2013	Public Address System for World Tourism Day Concert in Gozo	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€180.00
CUL 56/2013	Supply of Lighting System for World Tourism Day Concert in Gozo	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€140.00
CUL 57/2013	Public Address System for Days of India	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€120.00
CUL 58/2013	Public Address System for Fashion Show	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€195.00
CUL 59/2013	Stage Lights Fashion Show	Michael Bugeja	€350.00
CUL 61/2013	Lighting System for FreeTravel to Gozo Weekend	Sourecelite	€1786.00
CUL 63/2013	PA System for Free Travel to Gozo Weekend - St George's Square	Pro Stage Sound	€1947.00
CUL 64/2013	PA System for Free Travel to Gozo Weekend	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€225.00
CUL 65/2013	PA System Gozo Day 27th December 2013	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€110.00
CUL 66/2013	PA System Gozo Day 28th December 2013	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€90.00
CUL 68/2013	Purchase of Stationery - Skopri t-Talent Tieghek Initiative	Smart Office Supplies	€396.18

CUL 69/2013	Supply of Christmas Decorative Running Lights Festoon for Independence Square	Michael Bugeja	€280.00
CUL 70/2013	Catering Services for Republic Day Reception at Ministry for Gozo	Dolceria Rapa	€1535.90
CUL 71/2013	Printing of A5 Christmas Information Booklets	A & M Printing Ltd.	€604.80
CUL 72/2013	Street PA System for the Christmas Season in Victoria	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€2900.00
CUL 73/2013	Christmas Show - Stage Lighting	Joe Louis Caruana: 2Cee Media	€489.00

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Lista ta' *Direct Orders* mogħtija mill-Ministeru għal Għawdex bejn l-1 ta' Lulju, 2013 u l-31 ta' Diċembru, 2013, ippubblikata skont Artikolu 20(2) tar-Regolamenti tal-2010 dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

Din il-Lista hija ppubblika b'żieda ma' dik li ħarġet fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Frar, 2014.

Il-21 ta' Marzu, 2014

MINISTRY FOR GOZO

List of Direct Orders awarded by the Ministry for Gozo during the period between 1st July, 2013 and 31st December, 2013 published in terms of Article 20(2) of the Public Procurement Regulations 2010.

This List is being published in addition to the one issued in the Government Gazette dated 18th February, 2014.

21st March, 2014

Xorta tal-Kuntratt *Nature of Contract*	Deskrizzjoni *Description*	Kuntrattur *Contractor*	Ammont inkluż il-VAT *Amount including VAT*
MFIN Approval	Repairs to vessel radar	Medcomms Ltd	€3615.00
MFIN Approval	New MES	Manoel Island Yacht Yard	€96800.00
MFIN Approval	Fuel for vessel	Cassar Petroleum Services Ltd	€30000.00
MFIN Approval	Cirkewwa Terminal Insurance	Allcare Insurance Brokers	€27103.50
MFIN Approval	Repairs to Fenders Cirkewwa	IVM Engineering Co. Ltd.	€3536.00
MFIN Approval	Hydrostatic Release Units	Manoel Island Yacht Yard	€5912.00
MFIN Approval	Dry docking of MV Malita	Palumbo (Malta) Shipyards Ltd	€93008.00
MFIN Approval	Outer Vessel Main Engine Shell	Siemens AG	€2936.00
MFIN Approval	Emergency Repairs MV Ta Pinu to forward ramps	Atlas Tools Engineering Ltd	€33015.00
MFIN Approval	Economic & Industrial Policy for Gozo	KPMG	€33,040.00
MFIN Approval	Implementation of Cittadella Masterplan	Martin Xuereb & Associates	€118,000.00
MFIN Approval	Consultancy Services for additional studies required for Marsalforn Coastal Protection Project	Messrs Svasek Hydraulics	€21,004.00

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidati nominati skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 tal-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għal-Lokalità ta' Il-Mosta huma dawn li ġejjin, jiġifieri:

Kandidati Nominati

CAMILLERI JEAN PAUL
VELLA CHARLES

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sa Kirby Fenech għal-Lokalità ta' Il-Mosta skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), nhar it-Tnejn, l-24 ta' Marzu, 2014 f'nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta.

J. CHURCH
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Triq il-Merkanti,
Il-Belt Valletta.

Il-21 ta' Marzu, 2014

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Is-Sindku u l-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali Birkirkara jistiednu lir-residenti kollha ta' Birkirkara għal-laqgħa Annwali tal-Lokalità li se ssir nhar l-Erbgħa, it-2 ta' April, 2014, fis-Sala tal-Kunsill Lokali Birkirkara, it-Tieni Sular, Ċentru Ċiviku, Triq Tumas Fenech, Birkirkara, fis-7.00 p.m.

Il-21 ta' Marzu, 2014

KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali Tas-Sliema jgħarraf lir-residenti li isimhom jidher fuq l-aħħar Reġistru Elettorali tal-Kunsilli Lokali biex jattendu għal-laqgħa annwali li se ssir nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2014, fis-6.00 p.m. fil-Lukanda Imperial, fi Triq Rodolfu, Tas-Sliema.

Il-21 ta' Marzu, 2014

LOCAL COUNCILS ACT
(CAP. 363)

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that the candidates nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Il-Mosta are the following that is:

Nominated Candidates

CAMILLERI JEAN PAUL
VELLA CHARLES

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Ms Kirby Fenech for the Locality of Il-Mosta, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), on Monday, 24th March, 2014 at noon at the Electoral Office, Evans Building, Merchants Street, Il-Belt Valletta.

J. CHURCH
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
Merchants Street,
Il-Belt Valletta.

21st March, 2014

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

The Mayor and Councillors of Birkirkara Local Council invite all the residents for the Annual Locality Meeting which is to be held on Wednesday, 2nd April, 2014, at the Birkirkara Local Council Hall, 2nd Floor, Civic Centre, Triq Tumas Fenech, Birkirkara, at 7.00 p.m.

21st March, 2014

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 of the Local Council's Act (Cap. 363), the Tas-Sliema Local Council notifies all residents whose names appear in the last Local Council's Electoral Register to attend the annual meeting to be held on Friday, 28th March, 2014, at 6.00 p.m. at the Imperial Hotel, in Triq Rodolfu, Tas-Sliema.

21st March, 2014

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża illi l-ebda avviżi ġodda ma ġew ippubblikati f'din l-edizzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta.

Lista tal-avviżi kurrenti tinsab fis-sit tad-Dipartiment fuq (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Kuntratti, (http://www.contracts.gov.mt). L-offerenti huma avżati li mill-istess sit, jistgħu jniżżlu previżjoni tad-dokumenti, bla ħlas. Tinħtieġ reġistrazzjoni sabiex isir użu tas-servizzi elettroniċi tad-Dipartiment: iktar informazzjoni tinsab fuq (http://www.contracts.gov.mt/help?l=2). Is-sit jipprovdi wkoll informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-21 ta' Marzu, 2014

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża lill-offerenti kollha illi skont l-AL296 tal-2010 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għar-rigward l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment (http://www.contracts.gov.mt).**

Il-21 ta' Marzu, 2014

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġeneral (Kuntratti) skont Partijiet II jew XIII tal-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-Parti tar-Regolamenti.

Il-21 ta' Marzu, 2014

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf li offerti elettroniċi rigward dan l-avviż se jintlaqgħu sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintbagħtu *online* BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that no new advertisements have been published in this edition of the Malta Government Gazette.

A list of all current advertisements is available from the Department's website (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

Tender documents are only obtainable from the website of the Department of Contracts, (http://www.contracts.gov.mt). Tenderers are reminded that from this website, they can download preview documents for free. Registration is required in order to make use of the electronic services of the Department: more information is available from (http://www.contracts.gov.mt/help). The website also provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

21st March, 2014

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of LN296 of 2010 of the Public Contracts Regulations 2010 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the Department's official website (http://www.contracts.gov.mt).**

21st March, 2014

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with Parts II or XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this Part of the Regulations.

21st March, 2014

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received on the day and time indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-TLIETA, it-8 ta' April, 2014, għal:

CT 3035/2014. Talba għall-Parteċipazzjoni biex jitwettaq proġett *turnkey* għall-arranġament mill-ġdid tal-Konsulat Malti fi Tripli, Il-Libja - Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

Dan huwa *Works Notice* taħt Proċedura Ristretta. It-talba għall-Parteċipazzjoni hija ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea/ Gvern ta' Malta, skont ir-regoli li jappartjenu għall-Programm Ġenerali ta' Solidarjetà u Ġestjoni tal-Influss Migratorju 2007 – 2013. Fond għall-Fruntieri Esterni (FFE). It-talba għall-Parteċipazzjoni hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Ġestjoni għall-Immigrazzjoni Sostenibbli.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-21 ta' Marzu, 2014.

Sad-9.30 a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Mejju, 2014, għal:

CT 2008/2014. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' UREA għall-*Power Station* ta' Delimara - Korporazzjoni Enemalta. Għandu jitħallas dritt ta' parteċipazzjoni ta' €900.00 sabiex tiġi sottomessa l-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-21 ta' Marzu, 2014.

CT 2018/2014. Provvista ta' *cemented total hip replacement* - Ministeru tas-Saħħa. Għandu jitħallas dritt ta' parteċipazzjoni ta' €80.00 sabiex tiġi sottomessa l-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-21 ta' Marzu, 2014.

CT 3019/2014. Provvista, installazzjoni u kkummissjonar ta' Apparat Mediku għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex - FEŻR 317 – Apparat għat-Teatru tal-Operazzjonijiet. Irid jitħallas dritt ta' parteċipazzjoni ta' €370.00 sabiex tiġi sottomessa l-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm Operattiv I - Politika ta' Koeżjoni 2013, Ninvestu fil-Kompetittività għall-Kwalità ta' Ħajja Aħjar - Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) Fond ta' Koeżjoni (FK)

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-21 ta' Marzu, 2014.

CT3021/2014. Provvista, installazzjoni u kkummissjonar ta' Apparat Mediku għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex - ERDF 317 – Apparat Mediku Ġenerali u Apparat għal *Imaging* Mediku. Irid jitħallas dritt ta' parteċipazzjoni ta' €130.00 sabiex tiġi sottomessa l-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni

Up to 9.30 a.m. of TUESDAY, 8th April 2014, for:

CT 3035/2014. Request for Participation to carry out a Turnkey Project for the refurbishment of the Malta Consulate General in Tripoli, Libya – Ministry for Foreign Affairs.

This is a Works Notice under Restricted Procedure. The Request for Participation is co-financed by the European Union/Government of Malta, in accordance with the rules pertaining to the General Programme Solidarity & Management of Migration Flows 2007 – 2013. External Border Fund (EBF). Request for Participation is part-financed from the European Union under the Sustainable Management of Migration Flows

The EU Contract Notice was dispatched on 21st March 2014.

Up to 9.30 a.m. of TUESDAY, 6th May 2014, for:

CT 2008/2014. Framework Agreement for the supply of UREA for the Delimara Power Station – Enemalta Corporation. A participation fee of €900.00 needs to be paid in order to submit an offer.

The EU Contract Notice was dispatched on 21st March 2014.

CT 2018/2014. Supply of cemented total hip replacement - Ministry for Health. A participation fee of €80.00 needs to be paid in order to submit an offer.

The EU Contract Notice was dispatched on 21st March, 2014.

CT3019/2014. Supply, Delivery, installation and commissioning of medical equipment for the Gozo General Hospital – ERDF 317 – Operating Theatre Equipment. A participation fee of €370.00 needs to be paid in order to submit an offer.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. The tender is co-financed by the European Union/Government of Malta, in accordance with the rules pertaining to the General Programme Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013, Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life - European Regional Development Fund (ERDF) Cohesion Fund (CF).

The EU Contract Notice was dispatched on 21st March 2014.

CT 3021/2014. Supply, delivery, installation and commissioning of Medical Equipment for the Gozo General Hospital – ERDF 317 – General and Imaging Equipment. A participation fee of €130.00 needs to be paid in order to submit an offer.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. The tender is part-financed by the European Union, European Regional Development Fund (ERDF), under the Operational Programme I – Cohesion

2007-2013 – Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil 21 ta' Marzu, 2014.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq l-*Electronic Public Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit: operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, se jsiru simulazzjonijiet sabiex operaturi ekonomiċi jiffamiljarizzaw ruħhom bil-kompilazzjoni u sottomissjoni tal-offerti *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta. Dawn il-*workshops* huma intenzjonati BISS għal dawk l-operaturi ekonomiċi li beħsiebhom jissottomettu offerta għal dawn l-offerta: operaturi prospettivi oħrajn huma mistiedna jattendu waħda mis-sensiela ta' sessjonijiet ta' informazzjoni organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex tingħata ħarsa ġenerali tal-proċeduri ġodda tal-*electronic procurement.*

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-21 ta' Marzu, 2014

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża lill-offerenti kollha illi skont l-AL296 tal-2010 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2010 r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment, (http://www.contracts.gov.mt).**

Il-21 ta' Marzu, 2014

Policy 2007-2013 - Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

The EU Contract Notice was dispatched on 21st March, 2014.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

Economic operators interested in participating in these current calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document. These workshops are ONLY intended to economic operators that intend to submit an offer for these tenders: other prospective operators are invited to attend one of the information sessions currently being organised by the Department of Contracts that give an overview of the new electronic procurement procedures.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

21st March, 2014

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of LN296 of 2010 of the Public Contracts Regulations 2010 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the Department's official website (http://www.contracts.gov.mt).**

21st March, 2014

DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf li:

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 27 ta' Marzu, 2014.

Avviż Nru. 14. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Mejjiesa, Il-Manikata, Il-Mellieħa, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2012_619. L-offerti

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 27th March, 2014.

Advt. No. 14. Sale of a site at Triq il-Mejjiesa, Manikata, Mellieħa, shown edged in red on plan P.D.2012_619.

għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €10,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 15. Bejgħ tad-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' żewġ ewro u erba' ċentezmi (€2.04) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fl-14 ta' Awwissu, 2037, regolat skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Pietro Xerri tal-25 ta' Mejju, 1891, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Fond Nru. 16, Triq Giafar, kantuniera ma' Nru. 30/31, Triq il-Ħnejja, Tas-Sliema, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2012_905. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €2,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Din l-offerta hija soġġetta għad-dritt tal-ewwel rifjut.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 16. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' sit viċin Triq San Blas, In-Nadur, Għawdex, muri bl-aħmar u mmarkat A fuq pjanta P.D.2011_1161. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 17. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' sit viċin Triq San Blas, In-Nadur, Għawdex, muri bl-aħmar u mmarkat B fuq pjanta P.D.2011_1161. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Offerti magħluqin għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 10 ta' April, 2014.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu jinġabru mill-indirizz ta' hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol mit-Tnejn sal-Ġimgħa, eskluż Festi Nazzjonali/Pubbliċi bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m. jew permezz ta' *email* fuq: (contracts.ws@wasteservmalta.com).

Il-21 ta' Marzu, 2014

com) or on telephone number 2385 8239. It is in the bidders' interest to periodically check the WasteServ website for any updates.

21st March, 2014

WASTESERV MALTA LTD

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–


Sealed quotations will be received at the offices of the Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, Eko Centre, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613 up to noon of Tuesday, 25th March, 2014, for:-

Advt. No. WSMQ/25/2014. Cleaning of ducts at the Sant Antnin Waste Treatment Plant (in connection with the installation of a glass crushing machine)

The tender documents are free of charge.

Tender documents may be collected from the above mentioned office on any working day from Monday to Friday excluding Public/National holidays; between 9.00 a.m. and 3.00 p.m. or requested via email communication sent on: (contracts.ws@wasteservmalta.com).

21st March, 2014



Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond ta' Koeżjoni
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
This tender is part-financed by the European Union
Cohesion Fund
Co-Financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future



WASTESERV MALTA LTD

Iċ-*Chief Executive Officer*, WasteServ Malta Ltd, jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2014, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-uffiċċji tal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, WasteServ Malta Ltd, Ċentru Eko, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613, għal:-

Avviż. Nru. WSM/010/2014. Provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjunar ta' erba' (4) *motorised barriers* u żewġ *traffic lights* għas-*Civic Amenity Site* Ta' Qali.

WASTESERV MALTA LTD

The Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, notifies that:–

Sealed tenders will be received at the offices of the Chief Executive Officer, WasteServ Malta Ltd, Eko Centre, Triq Latmija, Marsaskala MSK 4613 up to noon of Friday, 28th March, 2014, for:-

Advt. No. WSM 010/2014. Supply, delivery, installation and commissioning of four (4) motorised barriers and two (2) traffic lights for the Ta' Qali Civic Amenity Site.

Id-dokument għal din l-offerta huwa bla ħlas.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru mill-indirizz ta' hawn fuq f'kull ġurnata tax-xogħol mit-Tnejn sal-Ġimgħa, eskluż Festi Nazzjonali/Pubbliċi bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m. jew permezz ta' *email* fuq: (contracts.ws@wasteservmalta.com).

Il-21 ta' Marzu, 2014

This tender document is free of charge.

Tender documents may be collected from the above mentioned office on any working day from Monday to Friday excluding Public/National holidays; between 9.00 a.m. and 3.00 p.m. or requested via email on: (contracts.ws@wasteservmalta.com).

21st March, 2014

Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
This tender is part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-Financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your future

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Il-Kap Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:-

Offerti elettroniċi għal *'Renewal of Red Hat Enterprise Linux and Red Hat Directory Server – T002/14'* jintlaqgħu *online* fuq is-sit (http://www.etenders.gov.mt) mhux aktar tard mill-11.30 a.m. (CET) tal-Ġimgħa, is-7 ta' April, 2014.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq l-*Electronic Public Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Għandha ssir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi Ekonomiċi Maltin jeħtieg ikollhom l-Organisation e-ID biex jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi Ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'din is-sejħa għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota għall-*workshop* li se jiġi organizzat mid-Dipartiment tal-Kuntratti fejn f'dawn il-*workshops*, Operaturi Ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-*Contracts Management* permezz tat-telefon 2123 4710, jew b'*email* lil (cmd.mita@gov.mt).

Il-21 ta' Marzu, 2014

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:-

Electronic proposals for the 'Renewal of Red Hat Enterprise Linux and Red Hat Directory Server – T002/14' are to be submitted online on (http://www.etenders.gov.mt) and by not later than 11.30 a.m. (CET) of Friday, 7th April, 2014.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

Economic operators interested in participating in this call for tenders are urged to take note of a workshop organised by the Department of Contracts where during these workshops, Economic Operators will have the opportunity to familiarise themselves with compiling and submitting a tender online. More information on this workshop is available in the tender document.

Further information can be obtained from the Contracts Management Department on telephone number 2123 4710 or email (cmd.mita@gov.mt).

21st March, 2014

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Il-Kap Eżekuttiv tal-MITA jgħarraf illi:-

Offerti elettroniċi għall-'Provvista ta' servizz ta' manutenzjoni u sapport fuq *air conditions* – T005/14' jintlaqgħu *online* fuq is-sit (http://www.etenders.gov.mt) mhux aktar tard mill-11.30 a.m. (CET) tal-Erbgħa, is-26 ta' Marzu, 2014.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq l-*Electronic Public Procurement System* (http://www.etenders.gov.mt). Għandha ssir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit: Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation e-ID* biex jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi Ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'din is-sejħa għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota għall-*workshop* li se jiġi organizzat mid-Dipartiment tal-Kuntratti fejn f'dawn il-*workshops*, Operaturi Ekonomiċi sejrin ikollhom l-opportunità sabiex jsiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-*Contracts Management* permezz tat-telefon 2123 4710, jew b'*email* lil: (cmd.mita@gov.mt).

Il-21 ta' Marzu, 2014

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:-

Electronic proposals for the 'Provision of air conditionining maintenance and support services– T005/14' are to be submitted online on (http://www.etenders.gov.mt) by not later than 11.30 a.m. (CET) of Wednesday, 26th March, 2014.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

Economic operators interested in participating in this call for tenders are urged to take note of a workshop organised by the Department of Contracts where during these workshops, Economic Operators will have the opportunity to familiarise themselves with compiling and submitting a tender online. More information on this workshop is available in the tender document.

Further information may be obtained from the Contracts Management Department on telephone number 2123 4710 or email (cmd.mita@gov.mt).

21st March, 2014

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-*Chief Executive Officer*, Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:-

Offerti magħluqin għall-Avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2014.

Avviż Nru. 37/2014. Bejgħ *tale quale* ta' *Store* Nru. 3, Tal-Papa, Triq Robert Baden Powell, Birżebbuġa. Offerti taħt €6,600 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 38/2014. Bejgħ *tale quale* ta' *Store* Nru. 4, Tal-Papa, Triq Robert Baden Powell, Birżebbuġa. Offerti taħt €6,600 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 39/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. 3, taħt Blokki 2 – 4, Triq l-Insolja, Burmarrad. Offerti taħt €15,700 ma jiġux ikkunsidrati.

HOUSING AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Housing Authority, notifies that:-

Sealed tenders in respect of the following adverts have to be deposited in the tender box at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, by 10.00 a.m. on Friday, 28th March, 2014.

Advt. No. 37/2014. Sale tale quale of Store No. 3, Tal-Papa, Triq Robert Baden Powell, Birżebbuġa. Offers below €6,600 will not be considered.

Advt. No. 38/2014. Sale tale quale of Store No. 4, Tal-Papa, Triq Robert Baden Powell, Birżebbuġa. Offers below €6,600 will not be considered.

Advt. No. 39/2014. Sale tale quale of Garage No. 3, underlying Blocks 2 – 4, Triq l-Insolja, Burmarrad. Offers below €15,700 will not be considered.

Avviż Nru. 40/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. 8, taħt Blokki 2 – 4, Triq l-Insolja, Burmarrad. Offerti taħt €15,100 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 41/2014. Bejgħ *tale quale* ta' *Store* Nru. 18, Triq San Filippu, Isla. Offerti taħt €22,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 42/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. B1, taħt Blokk C, Binja Fieres, Triq tal-Fieres, Ħal Kirkop. Offerti taħt €11,200 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 43/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. B6, taħt Blokk C, Binja Fieres, Triq tal-Fieres, Ħal Kirkop. Offerti taħt €23,200 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 44/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. 7, taħt Blokk 1, *Plots* 5 and 6, Triq il-Kanonku Indrì Galea, L-Imrieħel. Offerti taħt €30,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 45/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. 9, taħt Blokk 1, *Plots* 5 and 6, Triq il-Kanonku Indrì Galea, L-Imrieħel. Offerti taħt €26,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 46/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. 1, *Plot* 13, Triq Angelo Psaila, Paola. Offerti taħt €72,300 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 47/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. 5, taħt Blokk A1, Triq Pietro D'Armenia, Pembroke. Offerti taħt €13,800 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 48/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. 56, taħt Blokk A4, Triq Pietro D'Armenia, Pembroke. Offerti taħt €12,600 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 49/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. 2, taħt Blokk A5, Triq Pietro D'Armenia, Pembroke. Offerti taħt €11,900 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 50/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. 38, taħt Blokk A8, Triq Pietro D'Armenia, Pembroke. Offerti taħt €19,300 ma jiġux ikkunsidrati.

Avviż Nru. 51/2014. Bejgħ *tale quale* ta' Garaxx Nru. 1, taħt Blokki C1 – C6, Triq il-Frejgatina, Il-Qawra. Offerti taħt €12,000 ma jiġux ikkunsidrati.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu mingħajr ħlas mill-Awtorità tad-Djar.

Formoli tal-offerti jistgħu jinkisbu mill-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-Awtorità żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anki l-iktar waħda vantaġġuża.

Il-21 ta' Marzu, 2014

Advt. No. 40/2014. Sale tale quale of Garage No. 8, underlying Blocks 2 – 4, Triq l-Insolja, Burmarrad. Offers below €15,100 will not be considered.

Advt. No. 41/2014. Sale tale quale of Store No. 18, Triq San Filippu, Isla. Offers below €22,000 will not be considered.

Advt. No. 42/2014. Sale tale quale of Garage No. B1, Underlying Block C, Binja Fieres, Triq tal-Fieres, Ħal Kirkop. Offers below €11,200 will not be considered.

Advt. No. 43/2014. Sale tale quale of Garage No. B6, Underlying Block C, Binja Fieres, Triq tal-Fieres, Ħal Kirkop. Offers below €23,200 will not be considered.

Advt. No. 44/2014. Sale tale quale of Garage No. 7, Underlying Block 1, Plots 5 and 6, Triq il-Kanonku Indrì Galea, Mrieħel. Offers below €30,000 will not be considered.

Advt. No. 45/2014. Sale tale quale of Garage No. 9, Underlying Block 1, Plots 5 and 6, Triq il-Kanonku Indrì Galea, Mrieħel. Offers below €26,000 will not be considered.

Advt. No. 46/2014. Sale tale quale of Garage No. 1, Plot 13, Triq Angelo Psaila, Paola. Offers below €72,300 will not be considered.

Advt. No. 47/2014. Sale tale quale of Garage No. 5, Underlying Block A1, Triq Pietro D'Armenia, Pembroke. Offers below €13,800 will not be considered.

Advt. No. 48/2014. Sale tale quale of Garage No. 56, Underlying Block A4, Triq Pietro D'Armenia, Pembroke. Offers below €12,600 will not be considered.

Advt. No. 49/2014. Sale tale quale of Garage No. 2, Underlying Block A5, Triq Pietro D'Armenia, Pembroke. Offers below €11,900 will not be considered.

Advt. No. 50/2014. Sale tale quale of Garage No. 38, Underlying Block A8, Triq Pietro D'Armenia, Pembroke. Offers below €19,300 will not be considered.

Advt. No. 51/2014. Sale tale quale of Garage No. 1, Underlying Blocks C1 – C6, Triq il-Frejgatina, Qawra. Offers below €12,000 will not be considered.

Tender documents are free of charge and can be obtained from the Housing Authority's office.

Tender forms may be obtained from the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, during office hours.

The Housing Authority reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

21st March, 2014

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-*Chief Executive Officer*, l-Awtorità tad-Djar, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2014, fl-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 35/2014. Xogħlijiet f'68, Triq San Tumas, Il-Furjana u Nru. 15, Blokk 4, Triq il-Ġdida, Bormla.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' April, 2014, fl-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 36/2014. Xogħlijiet ta' tiswija fi Triq is-Sikka, Tal-Ġebel l-Abjad, Marsaskala.

Se ssir laqgħa ta' kjarifika u żjara fis-sit fi Triq is-Sikka, Tal-Ġebel l-Abjad, Marsaskala mill-Awtorità tad-Djar nhar il-Ħamis, 20 ta' Marzu, 2014 fis-2.00 p.m.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jistgħu jinkisbu biss u jitniżżlu minn fuq is-sit tal-Awtorità tad-Djar: (http://www.housingauthority.com.mt).

Kull kjarifika jew żieda mal-offerta jistgħu jitniżżlu minn fuq is-sit tal-Awtorità.

L-Awtorità żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-21 ta' Marzu, 2014

HOUSING AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Housing Authority, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, by 10.00 a.m. of Friday, 28th March, 2014 for:-

Advt. No. 35/2014. Works at 68, Triq San Tumas, Floriana and No. 15, Block 4, Triq il-Ġdida, Bormla.

Sealed tenders will be received at the Housing Authority, 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, by 10.00 a.m. of Friday, 4th April, 2014 for:-

Advt. No. 36/2014. Remedial works at Triq is-Sikka, Tal-Ġebel l-Abjad, Marsaskala.

A clarification meeting and a site visit will be held by the Housing Authority at Triq is-Sikka, Tal-Ġebel l-Abjad, Marsaskala on Thursday, 20th March, 2014 at 2.00 p.m.

Tender documents are free of charge and can be downloaded from the Housing Authority's website (http://www.housingauthority.com.mt).

Any clarifications or addenda to the document may be downloaded from the Authority's website.

The Housing Authority reserves the right to refuse any offer even the most advantageous.

21st March, 2014

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, il-11 ta' April, 2014, il-Ministeru għal Għawdex jgħarraf illi Espressjonijiet ta' Interess magħluqin jintlaqgħu fil-kaxxa tal-offerti fis-Sezzjoni tal-*Accounts*, Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, fil-Ministeru għal Għawdex għal:

Avviż Nru. OCIO-EOI01/2014. *Wi-Fi* b'xejn abbord il-vapuri tal-*Gozo Channels* u t-*terminals* fl-Imġarr u ċ-Ċirkewwa.

L-Espressjonijiet ta' Interess għandhom isiru biss fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jitniżżlu minn fuq il-*website* (www.gozo.gov.mt). Aktar informazzjoni tinkiseb mill-uffiċċju taċ-*CIO* fuq 2210 0147.

Il-21 ta' Marzu, 2014

MINISTRY FOR GOZO

The Ministry for Gozo notifies that sealed Expressions of Interest will be received at the tender box at the Accounts Section, Directorate Corporate Services, Ministry for Gozo, Victoria, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 11th April, 2014, for:

Advt. No. OCIO-EOI01/2014. Free Wi-Fi on board the Gozo Channel Ferries and within the Terminals of Mġarr and Ċirkewwa.

Expressions of Interest should be drawn out only on the prescribed forms which, together with the relative conditions and other documents, may be downloaded from the website (www.gozo.gov.mt). Further information may be obtained from the office of the CIO on 2210 0147.

21st March, 2014

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur, Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-4 ta' April, 2014 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tal-*Accounts*, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi għal:

Kwot. Nru. QDPD 44/2014. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' ilma bil-*bowser* għat-tisqija lit-Taqsima tal-Afforestazzjoni, kif mitlub mid-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp, Ministeru għal Għawdex.

Id-dokumenti għal dawn il-kwotazzjonijiet huma bla ħlas.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mill-Fergħa tal-Agrikoltura, fil-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

Il-21 ta' Marzu, 2014

MINISTRY FOR GOZO

The Director, Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:

Sealed quotations will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services by not later than 10.00 a.m. of Friday, 4th April, 2014 for:

Quot. No. QDPD 44/2014. Period contract for the supply of water by bowser for irrigation for the Afforestation Section, as directed by Director Projects and Development, Ministry for Gozo.

These quotation documents are free of charge.

Quotations should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Ministry for Gozo, Agriculture Branch, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo, during office hours.

21st March, 2014

MALTA ENTERPRISE

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Malta Enterprise, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin sad-data indikata hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti fl-uffiċċju tal-Malta Enterprise, Telgħa ta' Ġwardamanġa, Tal-Pietà MEC 0001, Malta:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2014, għal:-

Kwot. Nru. ME/CFQ/EBACE/03/14. Provvediment ta' servizzi marbuta mal-kostruzzjoni u żarmar ta' *stand* fil-Fiera tal-EBACE 2014 f'Ġinevra, l-Isvizzera.

Il-ħlas għall-parteċipazzjoni għal din il-kwotazzjoni hija €20. Kull applikazzjoni tkun proċessata b'mod kunfidenzjali.

Dan id-dokument jista' jinkiseb mill-paġna tal-offerti mis-sit tal-Malta Enterprise: (http://www.maltaenterprise.com/en/tenders). Aktar dettalji dwar dan l-avviż jistgħu jinkisbu mill-*Procurement Section* tal-Malta Enterprise billi tintbagħat *email* fuq: (tenders@maltaenterprise.com).

Il-21 ta' Marzu, 2014

MALTA ENTERPRISE

The Executive Chairman, Malta Enterprise, notifies that:

Sealed quotations in respect of the following notice will be received on the date indicated below. The quotations are to be deposited in the tender box at the offices of Malta Enterprise at Telgħa ta' Gwardamanġa Hill, Tal-Pietà MEC 0001, Malta:-

Up to 10.00 a.m. of Friday, 28th March, 2014 for:-

Quot. No. ME/CFQ/EBACE/03/14. Provision of services related to the construction and dismantling of a stand at the EBACE Fair 2014, Geneve, Switzerland.

Participation fee for this quotation is €20. All applications will be treated in strict confidence.

The above quotation document may be viewed/downloaded from the tenders page of the Malta Enterprise website: (http://www.maltaenterprise.com/en/tenders). Any clarifications required should be addressed to the Procurement Section of Malta Enterprise by sending an email to: (tenders@maltaenterprise.com).

21st March, 2014

TRANSPORT MALTA

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta jgħarraf li:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-15 ta' April, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċji ta' Transport Malta, Reception Level 0, Malta Transport Centre, Il-Marsa MRS 1917 għal:

Avviż Nru. 004/2014. Provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjonar ta' żubruni permanenti għat-tbaħħir għall-*Ferry Terminal* taċ-Ċirkewwa.

Għandu jitħallas dritt ta' €20.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-22 ta' April, 2014 jintlaqgħu offerti magħluqin flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċji ta' Transport Malta, Reception Level 0, Malta Transport Centre, Il-Marsa MRS 1917 għal:

Avviż Nru. 007/2014. Provvista u konsenja ta' *traffic light controllers* u *signal heads* u tagħmir relatat li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2014 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċji ta' Transport Malta, Reception Level 0, Malta Transport Centre, Il-Marsa MRS 1917 għal:

Kwot. Nru. TM Quot 008/2014. Ġarr, installazzjoni u tneħħija ta' moll f'Kemmuna.

Kwot. Nru. TM Quot 010/2014. Provvista ta' ħames *skips* u tneħħija fuq bażi ta' kuljum ta' skart.

Kwot. Nru. TM Quot 016/2014. Servizzi ta' għaddas biex jispezzjona u jinstalla żubruni u linji ta' rmiġġi.

Kwot. Nru. TM Quot 018/2014. Kiri ta' dgħajsa għax-xogħol, twila minn 10 sa 12-il metru, inklużi s-servizzi ta' sidha.

Id-dokumenti għall-offerti/kwotazzjonijiet imsemmija hawn fuq jistgħu jitniżżlu mingħajr ħlas mill-*website* ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-21 ta' Marzu, 2014

TRANSPORT MALTA

The CEO, Transport Malta, notifies that:

Sealed tenders complete with all required documents are to be submitted in the Tender Box (Reception - Level 0), Transport Malta, Malta Transport Centre, Marsa MRS 1917, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 15th April 2014, for:

Advt. No. 004/2014. Supply, delivery, installation and commissioning of permanent navigational buoys for the Ċirkewwa Ferry Terminal.

A fee of €20.00 is to be charged for each tender document.

Sealed tenders complete with all required documents are to be submitted in the Tender Box (Reception - Level 0), Transport Malta, Malta Transport Centre, Marsa MRS 1917, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 22nd April 2014, for:

Advt. No. 007/2014. Supply and delivery of traffic light controllers and signal heads and related equipment using environmentally friendly measures.

A fee of €50.00 is to be charged for each tender document.

Sealed quotations complete with all required documents are to be submitted in the Tender Box (Reception - Level 0), Transport Malta, Malta Transport Centre, Marsa MRS 1917, up to 10.00 a.m. of Friday, 28th March 2014, for:

Quot. No. TM Quot 008/2014. Transport, installation and removal of Comino pier.

Quot. No. TM Quot 010/2014. Provision of five skips and removal of refuse on a daily basis.

Quot. No. TM Quot 016/2014. Services of diver for inspections and installation of marker buoys and mooring lines.

Quot. No. TM Quot 018/2014. Hire of work boat, 10 to 12 meters in length, including the services of a boat master.

The above tender/quotation documents may be downloaded free of charge from the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

21st March, 2014

DIVIŻJONI GĦALL-FONDI U PROGRAMMI
MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ
U L-IMPLIMENTAZZJONI
TAL-MANIFEST ELETTORALI

Sejħa għall-Kwotazzjonijiet

Id-Direttur (Fondi Ewropej), Diviżjoni għall-Fondi u Programmi jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' April, 2014, jintlaqgħu kwotazzjonijiet f'dan l-Uffiċċju permezz tal-posta u/jew bil-posta elettronika fuq (fpd.meaim@gov.mt) għal:-

Kwot. Nru. FDP/07042014. Kiri ta' post fejn issir il-laqgħa tal-Kumitat ta' Sorveljanza għall-Programm Operattiv tas-Sajd, 2007-2013.

L-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi, MEAIM, Triq il-Kukkanja, Santa Venera, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju jew billi tintbagħat talba permezz tal-posta elettronika fuq dan l-indirizz: (fpd.meaim@gov.mt).

Id-Diviżjoni żżomm id-dritt li tirrifjuta parti minn jew l-offerta sħiħa, jew parti minn jew l-offerti kollha mitfugħa, inkluż l-aktar vantaġġuża/i.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-21 ta' Marzu, 2014

FUNDS AND PROGRAMMES DIVISION
MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS
AND THE IMPLEMENTATION OF THE
ELECTORAL MANIFESTO

Call for Quotations

The Director (EU Funds), Funds and Programmes Division, notifies that:-

Sealed quotations will be received at this Office by post and/or by email on (fpd.meaim@gov.mt) until noon of Monday, 7th April, 2014, for:-

Quot. No. FDP/07042014. Hiring of venue for the Monitoring Committee meeting for the Fisheries Operational Programme, 2007-2013.

Specifications are to be collected either by hand from the Funds and Programmes Division, MEAIM, Triq il-Kukkanja, Santa Venera, during working hours by sending an email request to the following email address: (fpd.meaim@gov.mt).

The Division reserves the right to refuse in part or in whole any or all of the tenders submitted, including the most advantageous.

Late submissions will not be considered.

21st March, 2014

Programm Operattiv tas-Sajd 2007-2013
Sejħa parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew tas-Sajd (FES)
Rata ta' Ko-finanzjament: 75% Fondi UE; 25% Fondi Nazzjonali

Investiment għal sajd sostenibbli

Fisheries Operational Programme 2007-2013
Call part-financed by the European Union
European Fisheries Fund (EFF)
Co-financing rate: 75% EU Funds; 25% National Funds

Investing in sustainable fisheries

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U L-KONSERVAZZJONI TAL-ILMA

Il-Ministeru għall-Enerġija u l-Konservazzjoni tal-Ilma, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, l-4 ta' April 2014, fil-kaxxa tal-offerti tal-Ministeru għall-Enerġija u l-Konservazzjoni tal-Ilma, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. WPU/1/2014. Żvilupp ta' *website* għall-Kampanja Nazzjonali dwar il-Konservazzjoni tal-Ilma.

Il-formoli tal-kwotazzjoni u d-dokumenti relatati kollha jistgħu jinkisbu mill-Ministeru għall-Enerġija u l-Konservazzjoni tal-Ilma, Auberge de Castille, Il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-formoli tal-kwotazzjoni jistgħu jinkisbu wkoll billi tintbagħat *email* fuq: (water.mecw@gov.mt).

Il-Ministeru għall-Enerġija u l-Konservazzjoni tal-Ilma jżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Il-21 ta' Marzu, 2014

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI,
IX-XJENZA U T-TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal tal-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-26 ta' Marzu, 2014, jilqa' offerti magħluqa f'envelop indirizzat lill-mittent u fil-kaxxa tal-offerti fil-Bini Amministrattiv tal-MCAST, fl-indirizz ta' hawn taħt għal:-

Avviż Nru. MCAST T. 04/2014. Provvista u konsenja ta ilma tax-xorb u *dispensers* tal-ilma sħun u kiesaħ.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinġabru mid-Dipartiment tal-*Purchasing* fil-Bini Amministrattiv tal-MCAST, fl-indirizz ta' hawn taħt, mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m fuq ħlas ta' €50.

L-MCAST iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta parti jew l-offerta sħiħa, xi offerti jew l-offerti kollha mitfugħa.

MCAST Main Campus
It-Telgħa ta' Kordin, Paola PLA 9032, Malta
Tel: 2398 7100, *Fax:* 2398 7316
Email: (tenders@mcast.edu.mt)
Website: (www.mcast.edu.mt)

Il-21 ta' Marzu, 2014

MINISTRY FOR ENERGY AND
THE CONSERVATION OF WATER

The Ministry for Energy and the Conservation of Water, notifies that:

Sealed quotations will be received at the Ministry for Energy and the Conservation of Water up to 10.00 a.m. of Friday, 4th April 2014, for:–

Quot. No. WPU/1/2014. Development and maintenance of a website for the National Water Conservation Campaign.

Quotations forms and all related documents may be obtained from the Ministry for Energy and the Conservation of Water, Auberge de Castille, Valletta on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Quotations forms may also be obtained by sending an email to (water.mecw@gov.mt).

The Ministry for Energy and the Conservation of Water reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

21st March, 2014

MALTA COLLEGE OF ARTS,
SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tenders placed in a pre-addressed envelope are to be deposited in the appropriate tender box at the MCAST Administration Building at the address below, by not later than 11.00 a.m. of Wednesday, 26th March, 2014, for:-

Advt. No. MCAST T. 04/2014 Supply and delivery of drinking water and hot and cold water dispensers

Tender documents may be collected from the Purchasing Department at the MCAST Administrative Building at the address below, from Monday to Friday, from 8.30 a.m. till noon, and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m. against a fee of €50.

MCAST reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all tenders submitted.

MCAST Main Campus
It-Telgħa ta' Kordin, Paola PLA 9032, Malta
Tel: 2398 7100, Fax: 2398 7316
Email: (tenders@mcast.edu.mt)
Website: (www.mcast.edu.mt)

21st March, 2014

DIRETTORAT TAR-RESTAWR

Id-Direttorat tar-Restawr jgħarraf li:

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2014 jintlaqgħu offerti permezz tal-*portal* elettroniku (www.etenders.gov.mt) għal:-

Avviż Nru. REST-22-2013/3. Provvediment ta' servizzi ta' taħriġ barra mill-pajjiż għall-impjegati tad-Direttorat tar-Restawr

Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-21 ta' Marzu, 2014

RESTORATION DIRECTORATE

The Restoration Directorate notifies that:

Tenders will be received through the electronic portal (www.etenders.gov.mt) by not later than 9.30 a.m. of Friday, 28th March, 2014 for:-

Advt. No. REST-22-2013/3. Provision of training services abroad for the Restoration Directorate personnel

Late submissions will not be considered.

21st March, 2014

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu Ħilitna għal Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Proġett parzjalment kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali ewropew (FSE)
Rata ta' kofinanzjament: 85% Fondi mill-UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme II – Cohesion Policy 2007 – 2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Social Fund
Co-financing: 85% EU Funds; 15% National Funds
Investing in your Future

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO *(Procurement* u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi:-

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-offerti li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2014. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFQ 5583/14. *Amber Vials and Inserts*
CFQ 5586/14. *Enoximone 100mg injections*
CFQ 5587/14. *Nimodipine 10mg injections*
CFQ 5588/14. *Frusemide 1mg/ml Preparation for oral use*
CFQ 5589/14. *Lisinopril 10mg tablets*
CFQ 5590/14. *Verapamil Hydrochloride 40mg tablets*
CFQ 5591/14. *Atenolol 25mg tablets*
CFQ 5594/14. *Antihaemophilia factor IX without heparin*
CFQ 5595/14. *Disposable Catheter mount*
CFQ 5597/14. *Reusable Laryngeal Mask Airways,Size 3*
CFQ 5606/14. *Desmopressin acetate 4mcg/ml vials*
CFQ 5607/14. *Idarubicin 5mg vials*
CFQ 5612/14. *Mycophenolate 250mg capsules*

Id-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:

Electronic quotations in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 28th March, 2014. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFQ 5583/14. Amber Vials and Inserts
CFQ 5586/14. Enoximone 100mg injections
CFQ 5587/14. Nimodipine 10mg injections
CFQ 5588/14. Frusemide 1mg/ml Preparation for oral use
CFQ 5589/14. Lisinopril 10mg tablets
CFQ 5590/14. Verapamil Hydrochloride 40mg tablets
CFQ 5591/14. Atenolol 25mg tablets
CFQ 5594/14. Antihaemophilia factor IX without heparin
CFQ 5595/14. Disposable Catheter mount
CFQ 5597/14. Reusable Laryngeal Mask Airways,Size 3
CFQ 5606/14. Desmopressin acetate 4mcg/ml vials
CFQ 5607/14. Idarubicin 5mg vials
CFQ 5612/14. Mycophenolate 250mg capsules

These quotation documents are free of charge.

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward il-kwotazzjonijiet li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, l-4 ta' April, 2014. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CFQ 5584/14. *DSP30 Mitogen*
CFQ 5585/14. *Interleukin 2*
CFQ 5592/14. *Heterophilic Blocking Reagent*
CFQ 5593/14. *Polystyrene Test Tubes*
CFQ 5596/14. *Lahey swabs with X-Ray Detectable thread*
CFQ 5598/14. *Nitrile disposable gloves elbow length*
CFQ 5599/14. *RAE non-cuffed Endotracheal Tubes*
CFQ 5600/14. *Dengue EIA Kits*
CFQ 5601/14. *Monofilament Polypropylene G0 on 30mm*
CFQ 5602/14. *G1 Reverse Cutting 40mm, dyed violet 75cm*
CFQ 5603/14. *Black Braided Silk G2/0*
CFQ 5604/14. *PDS G1 40mm 1/2 circle rb*
CFQ 5605/14. *Exemestane 25mg tablets*
CFQ 5608/14. *Consumables for Portable Drager Oxy log 300 Ventilator*
CFQ 5609/14. *Different Connectors*
CFQ 5610/14. *Disposable Catheter mounts complete with swivel (collapsable)*
CFQ 5611/14. *3 way stopcocks with venous extension line (colour coded blue)*

Id-dokumenti ta' dawn il-kwotazzjonijiet jinkisbu mingħajr ħlas.

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-offerta li ġejja sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 28 ta' Marzu, 2014. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal:

CFQ Q 1278/14. Provvediment ta' servizzi ta' Kontrollur Finanzjarju

Id-dokumenti ta' dan il-kwotazzjoni jinkisbu bla ħlas.

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward il-kwotazzjoni li ġejja sal-10.30 a.m. tal-Ġimgħa, l-4 ta' April, 2014. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

DH902/2014. Installazzjoni ta' provvista ta' enerġija elettrika għall-Impjant Mekkaniku fl-imħażen il-ġodda tas-CPSU f'San Ġwann.

Id-dokumenti ta' dan il-kwotazzjoni jinkisbu bla ħlas.

Electronic quotations in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 4th April, 2014. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for the supply of:

CFQ 5584/14. DSP30 Mitogen
CFQ 5585/14. Interleukin 2
CFQ 5592/14. Heterophilic Blocking Reagent
CFQ 5593/14. Polystyrene Test Tubes
CFQ 5596/14. Lahey swabs with X-Ray Detectable thread
CFQ 5598/14. Nitrile disposable gloves elbow length
CFQ 5599/14. RAE non-cuffed Endotracheal Tubes
CFQ 5600/14. Dengue EIA Kits
CFQ 5601/14. Monofilament Polypropylene G0 on 30mm
CFQ 5602/14. G1 Reverse Cutting 40mm, dyed violet 75cm
CFQ 5603/14. Black Braided Silk G2/0
CFQ 5604/14. PDS G1 40mm 1/2 circle rb
CFQ 5605/14. Exemestane 25mg tablets
CFQ 5608/14. Consumables for Portable Drager Oxy log 300 Ventilator
CFQ 5609/14. Different Connectors
CFQ 5610/14. Disposable Catheter mounts complete with swivel (collapsable)
CFQ 5611/14. 3 way stopcocks with venous extension line (colour coded blue)

These quotation documents are free of charge.

Electronic quotations in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. of Friday, 28th March, 2014. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFQ Q 1278/14. Provision of services of a Financial Controller

These quotation documents are free of charge.

Electronic quotations in respect of the following notices will be received up to 10.30 a.m. of Friday, 4th April, 2014. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

DH902/2014. Installation of electrical power supply for the Mechanical Plant at the new CPSU Stores San Ġwann

These quotation documents are free of charge.

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-offerti li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, il-21 ta' April, 2014. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għall-provvista ta':

CPSU/CPU 3121/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Baxter Edwards Swan Ganz Thermodilution Catheters,8FR*

CPSU/CPU 3122/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *oxytocin 10 IU injections*

CPSU/CPU 3123/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *clobetasol propionate ointment*

CPSU/CPU 3124/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Adult Defibrilator pads for AED G3*

CPSU/CPU 3125/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Diamorphine Hydrochloride 5mg Injections B.P.*

CPSU/CPU 3126/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Crotamiton 10% w/w Cream*

CPSU/CPU 3127/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *mandibular reconstruction plates*

CPSU/CPU 3128/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *neutral mandibular Bone screws*

CPSU/CPU 3129/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *locking mandibular bone screws 2.7mm*

CPSU/CPU 3130/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *locking mandibular bone screws 2.3mm*

CPSU/CPU 3131/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *locking mandibular bone screws 2.0mm*

CPSU/CPU 3132/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Sterile Penrose drains*

CPSU/CPU 3133/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Zoledronic acid 4mg vials*

CPSU/CPU 3134/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Letrozole 2.5mg tablets*

CPSU/CPU 3135/14. Bażi ta' kuntratt għall-provvista ta' *Cytosine Arabinoside 500mg vials*

Id-dokumenti ta' dawn l-offerti jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet/offerti jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System*: (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' tintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mill-*FAQ Section* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-kwotazzjonijiet/offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Il-21 ta' Marzu, 2014

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. of Monday, 21st April, 2014. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CPSU/CPU 3121/14. Framework contract for the supply of Baxter Edwards Swan Ganz Thermodilution Catheters,8FR

CPSU/CPU 3122/14. Framework contract for the supply of oxytocin 10 IU injections

CPSU/CPU 3123/14. Framework contract for the supply of clobetasol propionate ointment

CPSU/CPU 3124/14. Framework contract for the supply of Adult Defibrilator pads for AED G3

CPSU/CPU 3125/14. Framework Contract for the Supply of Diamorphine Hydrochloride 5mg Injections B.P.

CPSU/CPU 3126/14. Framework Contract for the Supply of Crotamiton 10% w/w Cream

CPSU/CPU 3127/14. Framework contract for the supply of mandibular reconstruction plates

CPSU/CPU 3128/14. Framework contract for the supply of neutral mandibular Bone screws

CPSU/CPU 3129/14. Framework contract for the supply of locking mandibular bone screws 2.7mm

CPSU/CPU 3130/14. Framework contract for the supply of locking mandibular bone screws 2.3mm

CPSU/CPU 3131/14. Framework contract for the supply of locking mandibular bone screws 2.0mm

CPSU/CPU 3132/14. Framework contract for the supply of Sterile Penrose drains

CPSU/CPU 3133/14. Framework Contract for the Supply of Zoledronic acid 4mg vials

CPSU/CPU 3134/14. Framework Contract for the Supply of Letrozole 2.5mg tablets

CPSU/CPU 3135/14. Framework Contract for the Supply of Cytosine Arabinoside 500mg vials

These tender documents are free of charge.

Quotation/tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of quotations/tender at the times and dates specified above.

21st March, 2014

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Il-*Procurement Supplies Unit* fis-Servizzi tas-Saħħa Mentali tgħarraf illi:-

Jintlaqgħu kwotazzjonijiet elettroniċi rigward l-offerta li ġejja sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, it-28 ta' Marzu, 2014. Il-kwotazzjonijiet għandhom jintbagħtu BISS *online* fuq: (www.etenders.gov.mt) għal:

CPSU/MCH/1009/2014. Xiri ta' *refrigerated van* bit-*tail lift*

Id-dokumenti ta' din il-kwotazzjoni jinkisbu mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-kwotazzjonijiet/offerti jinkisbu biss mill-*Electronic Public Procurement System*: (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex tkun tista' tintuża l-*website*: Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-*e-Id* tal-Organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'din il-*website*. Aktar tagħrif jinkiseb mill-*FAQ Section* tal-istess *website*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal- offerti/kwtazzjonijiet fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Il-21 ta' Marzu, 2014

MINISTERU GĦALL-FAMILJA
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Id-Direttur (Servizzi Korporattivi) fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali jgħarraf li:

Sal-10.00 a.m. tal-Ġimgħa, il-11 ta' April, 2014 jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin immarkati *"Q18/2014 - Quotation for the Supply, Installation, Testing and Commissioning of HVAC Systems at the Customer Care Department, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta"* fil-kaxxa tal-kwotazzjonijiet, li tinsab fit-Taqsima tal-Kuntratti u l-*Procurement* fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali, 106, Triq Melita, Il-Belt Valletta għal:

Kwot. Nru. Q18/2014. Provvista, installazzjoni, ittestjar u kkummissjunar ta' sistemi ta' *HVAC* fid-Dipartiment tal-*Customer Care,* 310, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

Partijiet interessati jistgħu jitolbu kopja tad-dokument tal-kwotazzjoni billi jibagħtu *e-mail* fuq: (contracts-procurement.mfss@gov.mt) u jindikaw b'mod ċar in-numru ta' referenza Q18/2014.

Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali,
Taqsima tal-Kuntratti u l-*Procurement,*
106, Triq Melita,
Il-Belt Valletta
Telefon: 2590 3550

Il-21 ta' Marzu, 2014

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Procurement Supplies Unit at the Mental Health Services notifies that:

Electronic quotations in respect of the following notice will be received up to 9.30 a.m. of Tuesday, 22nd April, 2014. Quotations are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CPSU/MCH/1009/2014. Purchase of a refrigerated van with tail lift

These quotation documents are free of charge.

Tender/quotations documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tender/quotations at the times and dates specified above.

21st March, 2014

MINISTRY FOR THE FAMILY
AND SOCIAL SOLIDARITY

The Director (Corporate Services) within the Ministry for the Family and Social Solidarity notifies that:

Sealed quotation documents marked: "Q18/2014 - Quotation for the Supply, Installation, Testing and Commissioning of HVAC Systems at the Customer Care Department, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta" will be received in the Quotation Box, situated at the Contracts and Procurement Section, Ministry for the Family and Social Solidarity, 106, Triq Melita, Valletta, by not later than 10.00 a.m. of Friday, 11th April, 2014, for:

Quot. No. Q18/2014. Supply, installation, testing and commissioning of HVAC systems at the Customer Care Department, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta

Interested parties may request a copy of the quotation document by sending an email to: (contracts-procurement.mfss@gov.mt) clearly indicating Quot. Number: Q18/2014.

Ministry for the Family and Social Solidarity,
Contracts and Procurement Section,
106, Triq Melita,
Valletta
Telephone: 2590 3550

21st March, 2014

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

Direttorat tar-Restawr

Id-Direttorat tar-Restawr fil-Ministeru għat-Turiżmu jilqa' offerti għall-provvista u konsenja ta' *general purpose safety, protective and occupational ankle boots*.

L-offerti jistgħu jiġu sottomessi permezz tal-*portal* elettroniku (www.etenders.gov.mt) sa mhux aktar tard mid-9.30 a.m. (Ħin ta' Malta) tal-Ġimgħa, l-4 ta' April, 2014.

Sottomissjonijiet li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-21 ta' Marzu, 2014

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Stedina għall-Kwotazzjonijiet

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf li kwotazzjonijiet magħluqa għandhom jintefgħu fil-kaxxa pprovduta apposta fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-2 ta'April, 2014, għal:

SPBLC-Q 02-2014. Laqgħat tal-Kunsill: *Online streaming* fl-uffiċċju tal-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-Kunsill permezz tat-telefon 2158 5888 jew bl-*email* (sanpawlil-bahar.lc@gov.mt).

Il-21 ta' Marzu, 2014

KUNSILL LOKALI ĦAD-DINGLI

Il-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, l-4 ta' April, 2014, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli jintlaqgħu kwotazzjonijiet għal:

Kwot. Nru. Q-DLC 04/2014. Provvista u tbattil ta' *skip* miftuħ

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa, il-25 ta' April, 2014, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli jintlaqgħu offerti għal:

Avviż Nru. DLC 03-2014. Ġbir ta' skart domestiku mħallat b'mod li ma jagħmilx ħsara 'l-ambjent

MINISTRY FOR TOURISM

Restoration Directorate

